Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

24 ta' Diċembru, 2013

ATT Nru. XX tal-2013

ATT biex jipprovdi dwar provdituri ta' servizz lil kumpanniji u biex jemenda diversi liġijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

Titolu fil-qosor u skop.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa Att tal-2013 dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji.

(2) L-għan ta' dan l-Att huwa biex jimplimenta l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' *money laundering* u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, fil-qies li dak l-artikolu japplika għal provdituri ta' servizz lil kumpanniji.

(3) Għall-finijiet tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2005/60/KE imsemmi fis-subartikolu (2), l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa skont l-artikolu 3 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għandha tkun l-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' provdituri ta' servizz lil kumpanniji. Kap. 330.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa skont l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

Kap. 330.

"awtorità regolatorja barranija" tfisser awtorità f'xi pajjiż jew territorju barra minn Malta li tkun teżerċita xi funzjoni regolatorja jew superviżorja dwar servizzi finanzjarji li jkunu jikkorrispondu għal xi funzjoni tal-Awtorità kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

Kap. 330.

"ġurisdizzjoni approvata" tfisser Stat ŻEE jew Stat Membru tal-UE jew kull ġurisdizzjoni oħra li jkollha livell ugwali jew paragunabbli ta' regolament dwar provdituri ta' servizz lil kumpanniji ma' dak li jkun jeżisti f'Malta;

"li topera f'Malta jew minn ġo Malta" tinkludi li jkun hemm jeżisti uffiċċju, fergħa, jew xi ċentru ieħor ta' attivitajiet professjonali jew kummerċjali li jkollhom xorta regolari f'Malta, u ma tinkludix xi att wieħed jew aktar mhux konness u sporadiku;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"persuna reġistrata" tfissr persuna li tkun inħarġitilha mill-Awtorità reġistrazzjoni biex taġixxi bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji skont dan l-Att;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

"provdituri ta' servizz lil kumpanniji" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, fil-kummerċ, tipprovdi lil terzi xi wieħed minn dawn is-servizzi li ġejjin:

(a) il-formazzjoni ta' kumpanniji jew ta' entitajiet legali oħra;

(b) li taġixxi bħala, jew l-arranġament għal persuna oħra li taġixxi bħala, direttur jew segretarju ta' kumpannija, sieħeb f'soċjetà jew f'xi pożizzjoni bħal dawk fir-rigward ta' entitajiet ġuridika oħra;

(ċ) li jiġi provdut uffiċċju reġistrat, korrispondenza kummerċjali jew indirizz amministrattiv u servizzi oħra li għandhom x'jaqsmu lil kumpannija, soċjetà jew xi entità ġuridika oħra.

(2) Kull riferenza f'dan l-Att għal xi liġi, jew dispożizzjoni tagħha, għandha tiftiehem bħala riferenza għal dik il-liġi jew dispożizzjoni hekk kif din tista' tkun isseħħ minn żmien għal żmien, u għandha tinkludi riferenza għal kull liġi li tidħol minflok dik il-liġi jew dispożizzjoni, u għal kull leġislazzjoni sussidjarja li ssir taħtha.

(3) Kliem u frażijiet li jintużaw f'dan l-Att b'riferenza għal xi liġi oħra għandu jkollhom, sakemm ikun meħtieġ biex jagħtu seħħ lil dan l-Att u konsistentement mad-dispożizzjonijiet tiegħu, l-istess tifsir bħal ma għandhom fil-liġi li b'riferenza għaliha jintużaw fl-Att.

(4) F'dan l-Att u fir-regolamenti li jsiru taħtu, jekk ikun hemm xi nuqqas ta' qbil bejn it-test Ingliż u t-test Malti, jipprevalixxi t-test Ingliż.

Il-ħtieġa li provdituri ta' servizz lil kumpanniji jirreġistraw.

3. (1) Kull min ikun residenti jew jopera f'Malta jew minn ġo Malta u jaġixxi bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji, għandu japplika għal reġistrazzjoni mal-Awtorità skont dan l-Att:

Iżda dawn il-persuni li ġejjin ma jkunux meħtieġa jirreġistraw mal-Awtorità skont dan l-Att:

(a) persuna li jkollha *warrant*, jew l-ekwivalenti ta' dan, li jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat, nutar pubbliku, prokuratur legali jew *accountant* pubbliku ċertifikat; u

(b) persuna awtorizzata li taġixxi bħala *trustee* jew li tipprovdi dmirijiet fiduċjarji oħra skont l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*. Kap. 331.

(2) Persuna li jkollha xi liċenza oħra, awtorizzazzjoni jew rikonoxximent skont l-Att dwar Servizzi ta' Investiment li jkollha l-ħsieb li tipprovdi servizzi lil kumpanniji, fil-kummerċ, għandha tapplika għar-reġistrazzjoni u f'dak il-każ, l-Awtorità għandha tikkunsidra kull proċedura ta' diliġenza dovuta li hija tkun diġà għamlet. Kap. 370.

(3) Il-persuni msemmija fis-subartikolu (1)(a) u (b) għandhom javżaw lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, imwaqqaf taħt l-Att kontra *Money Laundering*, li jkunu qegħdin jaġixxu bħala provdituri ta' servizz lil kumpanniji, fil-kummerċ, u li m'humiex meħtieġa jirreġistraw mal-Awtorità taħt dan l-Att. Kap.373.

(4) Fil-każ ta' dubju raġonevoli dwar jekk it-twettiq ta' xi attività partikolari jkunx soġġett għal reġistrazzjoni skont dan l-Att, il-kwistjoni għandha tiġi deċiża b'mod konklussiv mill-Awtorità.

(5) (a) Kull min ikollu liċenza jew reġistrazzjoni biex

jipprovdi servizz lil kumpanniji, maħruġa mill-awtorità regolatorja rilevanti f'ġurisdizzjoni approvata, m'għandux ikun soġġett għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att, sakemm huwa javża lill-Awtorità, bil-miktub, bil-ħsieb li jkollu li jipprovdi servizz lil kumpanniji f'Malta mill-inqas ħamsa u erbgħin jum qabel ma jibda għaddej b'dawk l-attivitajiet f'Malta u li huwa jirċievi mingħand l-Awtorità konferma bil-miktub li din m'għandha ebda oġġezzjoni għal dan.

(b) Avviż mogħti taħt dan is-subartikolu għandu jagħti indikazzjoni ta' x'ikunu l-attivitajiet proposti u miegħu għandha tintehmeż kull informazzjoni tali li tista' tkun meħtieġa mill-Awtorità minn żmien għal żmien.

(ċ) Sal-limitu li l-Awtorità tistipula xi restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet għal dawk l-attivitajiet, b'risposta tal-bidu għal xi avviż jew f'kull waqt ieħor, dawk ir-restrizzjonijiet u l-kondizzjonijiet għandhom jibdew iseħħu kif ikun hemm imsemmi fir-risposta jew b'avviż li jinħareġ wara mill-Awtorità.

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

4. Applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji skont l-artikolu 3 għandha ssir lill-Awtorità u:

(a) għandu jkun fiha jew ikollha mehmuż magħha dik l-informazzjoni u dawk id-dettalji u jkollha dik l-għamla skont ma tkun teħtieġ l-Awtorità;

(b) għandha tkun verifikata bil-mod u sal-limitu meħtieġ mill-Awtorità;

(ċ) għandha tkun turi l-indirizz f'Malta fejn l-applikant għar-reġistrazzjoni għandu jiġi notifikat b'kull avviż jew dokument ieħor meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat lilu skont dan l-Att; u

(d) għandu jkollu miegħu ħlas għall-applikazzjoni li ma jingħatax lura, hekk kif jista' jiġi preskritt, irrispettivament minn jekk ir-reġistrazzjoni tingħatax jew le mill-Awtorità.

Setgħa tal-Awtorità li tirrofta jew tagħti reġistrazzjoni.

5. (1) L-Awtorità tista' tirreġistra jew tirrofta applikazzjoni għal reġistrazzjoni li ssir taħt dan l-Att. Dik ir-reġistrazzjoni tista' tkun waħda ġenerali jew inkella tista' tkun ristretta għal xi attivitajiet speċifiċi partikolari. L-Awtorità m'għandhiex, mingħajr preġudizzju għall-artikolu 3, tagħti reġistrazzjoni li tkun saret applikazzjoni għaliha taħt dan l-Att kemm il-darba ma tkunx sodisfatta li:

(a) l-applikant ikun persuna idonea u adatta biex tipprovdi s-servizzi involuti u li l-applikant ikun ser iħares u

josserva l-ħtiġiet ta' dan l-Att u kull regola magħmula taħtu u li jkunu japplikaw fil-każ tiegħu;

(b) meta l-applikant ikun persuna fiżika, dik il-persuna tkun residenti jew qegħda topera f'Malta;

(ċ) meta l-applikant ikun kumpannija jew xi tip ieħor ta' entità ġuridika:

(i) l-għanijiet tagħha jkunu jinkludu li din taġixxi bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji u li twettaq attivitajiet anċillari jew inċidentali għal dan, u li ma jkunux jinkludu għanijiet li ma jkunux kompatibbli mas-servizzi ta' provditur ta' servizz lil kumpanniji;

(ii) l-attivitajiet attwali tagħha jkunu kompatibbli mal-għanijiet tagħha skont is-subparagrafu (i);

(iii) id-diretturi tal-kumpannija ma jkunux anqas minn tnejn fil-għadd u jkunu individwi li jkunu persuni idoneji u adatti;

(iv) kull persuna li direttament jew indirettament tkun proprjetarja jew tikkontrolla 25% jew aktar mill-azzjonijiet jew mill-jeddijiet ta' votazzjoni fil-kumpannija, jew li xort'oħra tkun teżerċita kontroll fuq il-maniġġar tal-kumpannija, tkun persuna idonea u adatta;

(v) isem il-kumpannija ma jkunx inkonsistenti mal-attivitajiet tiegħu kif indikati fis-subparagrafi (i) u (ii); u

(vi) meta l-kumpannija ma tkunx iffurmata u reġistrata f'Malta, din għandha tkun iffurmata, kostitwita jew inkorporata f'ġurisdizzjoni ta' fama. Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, ġurisdizzjoni ta' fama għandu jkollha l-istess tifsira bħal ma għandha fir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu. L.S. 373.01.

(2) Meta tkun qegħda tikkunsidra jekk għandhiex tagħti jew tirrofta reġistrazzjoni taħt dan l-Att, l-Awtorità għandha, b'mod partikolari, tqis:

(a) il-protezzjoni tal-investituri u tal-pubbliku ġenerali;

(b) il-protezzjoni tal-fama ta' Malta meta jitqiesu l-impenji internazzjonali ta' Malta;

(ċ) il-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-għażla.

(3) Meta tkun qegħda tagħti r-reġistrazzjoni, l-Awtorità tista' tassoġġetta lill-applikant għal dawk il-kondizzjonijiet li hija tista' tqis li jkunu adatti. Wara li tkun tat ir-reġistrazzjoni, l-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, tibdel jew tirrevoka kull kondizzjoni li tiġi hekk imposta jew inkella xort'oħra timponi kondizzjonijiet ġodda.

(4) L-Awtorità għandha tavża lil kull applikant bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk tagħtix jew tirroftax ir-reġistrazzjoni li tkun saret applikazzjoni għaliha, fi żmien sitt xhur minn meta taslilha applikazzjoni kompleta, li jkollha magħha l-ħlas preskritt għal dik l-applikazzjoni u li tkun saret skont id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dan l-Att u kull regola magħmula taħtu.

(5) Kull min tkun ingħatatlu reġistrazzjoni skont dan l-Att għandu jkun soġġett għal ħlas ta' reġistrazzjoni hekk kif jista' jiġi preskritt, li għandu jitħallas fid-data meta tingħata dik ir-reġistrazzjoni u, wara dan, għal ħlas superviżorju, hekk kif jista' jiġi preskritt, li jitħallas ta' kull sena fl-anniversarju tad-data ta' dik ir-reġistrazzjoni.

(6) L-Awtorità għandha tistabbilixxi reġistru tal-provdituri ta' servizz lil kumpanniji kollha li jkunu ngħataw reġistrazzjoni skont dan l-Att. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità u għandu jkun fih l-ismijiet tal-persuni li jkunu ngħataw dik ir-reġistrazzjoni, kif ukoll il-partikolaritajiet tagħhom fejn jista' jsir kuntatt magħhom, u dan għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari.

(7) Provditur ta' servizz lil kumpanniji għandu javża lill-Awtorità b'kull tibdil jew ċirkostanza li tkun tinfluwixxi l-istatus tagħha bħala persuna reġistrata u, fil-każ ta' xi bidla fil-karta, statut, memorandum jew statut ta' assoċjazzjoni jew strument ieħor li bih titwaqqaf il-kumpannija, jew b'kull tibdil fid-diretturi jew membri tagħha, dak it-tibdil ma jkollu ebda effett qabel ma dan jiġi notifikat u approvat mill-Awtorità.

Setgħa li għandha l-Awtorità li tħassar reġistrazzjoni.

6. L-Awtorità tista', f'kull waqt, tħassar reġistrazzjoni mogħtija skont dan l-Att meta:

(a) il-persuna reġistrata ma tibqax titqies bħala persuna idonea u adatta;

(b) il-persuna reġistrata tkun kisret xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew xi regoli magħmulin taħtu jew tkun naqset milli tissodisfa jew tħares xi obbligu jew kondizzjoni li dik il-persuna reġistrata jew ir-reġistrazzjoni jkunu soġġetti għalihom bis-

saħħa ta' dan l-Att u ta' kull regola maħruġa taħtu;

(ċ) il-persuna reġistrata jew xi persuna li tkun qegħda taġixxi f'isem dik il-persuna reġistrata tkun xjentement ipprovdiet lill-Awtorità informazzjoni li tkun falza, mhux preċiża jew qarrieqa;

(d) il-persuna reġistrata tkun waqfet milli taġixxi bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji;

(e) it-tħassir ta' dik ir-reġistrazzjoni jitqies li jkun wieħed mixtieq għall-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali jew għall-fama ta' Malta;

(f) il-persuna reġistrata tkun hekk talbet li jsir;

(g) ikun hemm ċirkostanzi oħra li taħthom l-Awtorità kienet tkun prekluża milli tagħti reġistrazzjoni taħt dan l-Att jew meta l-Awtorità tkun xort'oħra irroftat li tagħti dik ir-reġistrazzjoni.

(2) L-Awtorità għandha tippubblika l-fatt li r-reġistrazzjoni ta' provditur ta' servizz lil kumpanniji tkun tħassret.

(3) Kull min titħassarlu r-reġistrazzjoni tiegħu għandu, fi żmien sittin ġurnata mid-data tat-tħassir tar-reġistrazzjoni, jiżgura li s-servizzi li kien qed jagħti lil kumpanniji jew lil persuni ġuridiċi oħra skont ma teħtieġ ir-reġistrazzjoni tiegħu jiġu trasferiti lil xi persuna oħra li tkun reġistrata kif imiss skont dan l-Att.

Avviż li jingħata dwar ċħid propost jew tħassir ta' reġistrazzjoni.

7. (1) Meta l-Awtorità tkun bi ħsiebha -

(a) tibdel xi kondizzjoni li r-reġistrazzjoni tkun soġġetta għaliha jew timponi xi kondizzjoni ġdida dwar dan; jew

(b) tirrofta applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew tħassar reġistrazzjoni,

hija għandha tagħti lill-applikant jew lill-persuna reġistrata, kif ikun il-każ, avviż bil-miktub dwar dak li tkun bi ħsiebha tagħmel, fejn tgħid x'ikunu r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

(2) Avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) għandu jiddikjara li min jirċievi l-avviż jista', f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li jirċeviha skont ma jista' jingħad f'dak l-avviż, u dan ikun perjodu ta' mhux anqas minn tmienja u erbgħin siegħa u mhux aktar minn tletin jum, iressaq l-ilmenti tiegħu bil-miktub lill-Awtorità billi jagħti raġunijiet għaliex m'għandhiex tittieħed id-deċiżjoni proposta, u l-

Awtorità għandha tqis kull ilment hekk magħmul qabel ma tasal biex tagħti deċiżjoni.

(3) L-Awtorità għandha, kemm jista' jkun malajr, tavża id-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lill-applikant jew lill-persuna reġistrata, skont ma jkun il-każ.

Setgħat tal-Awtorità li tagħmel regoli.

8. (1) L-Awtorità tista' toħroġ regoli li jkunu japplikaw għal provdituri ta' servizz lil kumpanniji skont ma jkun meħtieġ, biex dan l-Att ikun jista' jseħħ u tista', partikolarment, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi hawn qabel, b'dawk ir-regoli:

(a) tistipula l-ħtiġiet, kondizzjonijiet u kriterji għat-twettiq ta' attivitajiet minn provdituri ta' servizz lil kumpanniji;

(b) tistipula l-imġiba, dmirijiet u obbligi tal-provdituri ta' servizz lil kumpanniji;

(ċ) tistipula r-responsabbiltajiet ta' provdituri ta' servizz lil kumpanniji lejn l-Awtorità u tipprovdi għall-format tal-applikazzjonijiet, prospetti, dikjarazzjonijiet jew avviżi li għandhom isiru jew jingħataw lill-Awtorità;

(d) tistipula l-kriterji li l-Awtorità għandha tikkunsidra meta tistabbilixxi jekk persuna tkunx persuna idonea u adatta għall-fini ta' dan l-Att, inkluża indikazzjoni tat-tip u x-xorta ta' kwalifiki akkademiċi u l-esperjenza kif ukoll tal-oqsma ta' kompetenza addizzjonali li l-Awtorità tista' taċċetta meta tkun qegħda tistabbilixxi jekk persuna tkunx tikkwalifika bħala persuna idonea u adatta;

(e) tistipula l-kriterji dwar meta persuna titqies mill-Awtorità bħala li qegħda twettaq l-attivitajiet ta' provditur ta' servizz lil kumpanniji, fil-kummerċ;

(f) tipprovdi dwar kull ħaġa oħra hekk kif l-Awtorità tista' tqis li tkun adatta fir-rigward ta' provdituri ta' servizz lil kumpanniji u kif imexxu l-attivitajiet tagħhom.

(2) Dawk ir-regoli għandhom ikunu jorbtu lill-provdituri ta' servizz lil kumpanniji.

Penali amministrattivi u miżuri oħra.

9. (1) Meta l-Awtorità tkun sodisfatta li l-imġiba tal-persuna reġistrata kienet tammonta għal ksur ta' xi dispożizzjoni tal-Att jew tar-regoli magħmulin taħtu, inkluż nuqqas ta' kooperazzjoni f'xi investigazzjoni, l-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda smigħ fil-qorti, timponi fuq il-persuna reġistrata u,

jew fuq kull persuna oħra skont kif jista' jkun il-każ, penali amministrattiva li m'għandhiex tkun iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) għal kull ksur jew nuqqas ta' tħaris, skont kif jista' jkun il-każ.

(2) Penali amministrattiva li tiġi imposta kif hemm fis-subartikolu (1) tista' tiġi imposta fl-għamla ta' penali fissa, penali ta' kuljum jew it-tnejn flimkien:

Iżda meta tiġi imposta penali amministrattiva skont m'hemm fis-subartikolu (1) fuq bażi kumulattiva ta' kuljum, dik il-penali akkumulata m'għandhiex tkun iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).

(3) Meta l-Awtorità timponi penali amministrattiva skont dan l-artikolu, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull konsegwenza oħra tal-att jew tal-ommissjoni tal-ħati taħt id-dritt ċivili jew kriminali.

(4) L-Awtorità għandha tiżvela, permezz ta' dikjarazzjoni pubblika, isem il-persuna li tingħata sanzjoni, il-ksur partikolari tad-dispożizzjoni tal-Att jew tar-regoli, u l-penali jew miżura amministrattiva li tkun ġiet imposta.

SETGĦAT REGOLATORJI U INVESTIGATTIVI

Setgħa li tintalab informazzjoni.

10. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, l-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil kull persuna li tkun jew li kienet qegħda taġixxi, jew li tidher bħala li tkun jew li kienet qegħda taġixxi, bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji jew li kienet qegħda tipprovdi servizzi li jeħtieġu reġistrazzjoni skont dan l-Att, u kull persuna oħra li tidher li jkollha f'idejha informazzjoni rilevanti, li tagħmel kull ħaġa jew xi waħda minn dan li ġej:

(a) li tgħaddi lill-Awtorità, f'dak iż-żmien u post u f'dik l-għamla skont ma din tista' tispeċifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni skont ma din tista' tkun teħtieġ dwar kull attività bħal dawk kif hawn aktar qabel imsemmija;

(b) li tgħaddi lill-Awtorità kull informazzjoni jew dokumentazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmija, u verifikati b'tali mod hekk kif din tista' tispeċifika;

(ċ) li tattendi quddiem l-Awtorità, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'dak iż-żmien u post hekk kif din tista' tispeċifika, biex twieġeb għal xi mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni dwar kull attività bħal dawk kif hawn aktar qabel imsemmija.

(2) L-Awtorità tista' tieħu kopji ta' kull dokument mgħoddi jew provdut taħt dan l-artikolu.

(3) Meta persuna li tkun inħtieġet tipprovdi informazzjoni jew dokumentazzjoni taħt dan l-artikolu ma jkollhiex dik l-informazzjoni jew dokumentazzjoni rilevanti, hija għandha tiżvela lill-Awtorità fejn, sa fejn tkun l-aħjar taf hi nnifisha, dik l-informazzjoni jew dokumentazzjoni tkun tinsab, u l-Awtorità tista' teħtieġ lil kull persuna, sew jekk imsemmija kif hawn qabel imsemmi sew jekk le, li tidhrilha li jkollha f'idejha dik l-informazzjoni jew dokumentazzjoni, biex tipprovdiha.

(4) Meta ssir xi dikjarazzjoni u tiġi provduta xi dokumentazzjoni bi tħaris ta' xi ħtieġa taħt dan l-artikolu, dawn jistgħu jintużaw bħala prova kontra l-persuna li tkun qegħda tagħmel id-dikjarazzjoni jew tipprovdi d-dokumentazzjoni, kif ukoll kontra kull persuna li jkollhom x'jaqsmu magħha.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali u fl-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw għal kull informazzjoni jew dokumentazzjoni, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Segretezza Professjonali.

Kap. 9.
Kap. 12.

Kap. 377.

(6) Is-setgħa li tenħtieġ li tingieb dokumentazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull preferenza jew inkarigu li jista' jiġi vantat minn persuna dwar dik id-dokumentazzjoni.

(7) Meta l-Awtorità tkun ħatret lil xi persuna taħt is-subartikolu (1)(ċ), dik il-persuna għandu jkollha, għall-finijiet li twettaq il-funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dik il-ħatra, is-setgħat kollha mogħtija lill-Awtorità b'dan l-artikolu u kull ħtieġa li ssir minn dik il-persuna maħtura, din għandha titqies bħala, u jkollha l-istess forza u effett bħal, ħtieġa magħmula mill-Awtorità.

Setgħa li jinħarġu direttivi.

11. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa mogħtija lilha b'dan l-Att, l-Awtorità tista', kull meta tqis li jkun hekk meħtieġ, tagħti, b'avviż bil-miktub, dawk id-direttivi li din tista' tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi. Kull persuna li jingħatala l-avviż għandha tobdi, tħares u xort'oħra tagħti seħħ lil kull direttiva bħal dik fiż-żmien u bil-mod imsemmi fl-istess direttiva.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, direttiva taħt dan l-artikolu tista' -

(a) tkun teħtieġ li ssir jew li tonqos milli ssir kull ħaġa,

jew inkella timponi kull projbizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jew kull ħtieġa oħra, u tagħti setgħat, dwar kull transazzjoni jew għemil ieħor, jew dwar kull attiv, jew dwar kull ħaġa oħra, tkun li tkun;

(b) tkun teħtieġ li kull persuna li jkollha l-funzjonijiet ta' provditur ta' servizz lil kumpanniji titneħħa jew li tidħol minflokha xi persuna oħra li tkun aċċettata mill-Awtorità;

(ċ) tkun teħtieġ lil xi provditur ta' servizz lil kumpanniji itemm l-operazzjonijiet tiegħu u jagħlaq il-kummerċ tiegħu, skont dawk il-proċeduri u d-direzzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fid-direttiva, li tista' tipprovdi għall-ħatra ta' persuna biex tieħu pussess u kontroll ta' kull dokument, *record*, attiv u proprjetà li jappartjenu lil jew li jkunu fil-pussess jew kontroll tal-provditur ta' servizz lil kumpanniji reġistrat.

(3) Is-setgħa li jingħataw direttivi taħt dan l-artikolu għandha tinkludi s-setgħa li tvarja, tibdel, iżżid magħha jew tirtira kull direttiva, kif ukoll is-setgħa li toħroġ direttivi ġodda jew aktar direttivi.

(4) Meta l-Awtorità tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, din tista' f'kull waqt tippubblika kull direttiva li tkun ħarġet taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-artikolu.

Skambju ta' informazzjoni u kollaborazzjoni. Kap. 330.

12. (1) Dwar provdituri ta' servizz lil kumpanniji, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(2) L-Awtorità tista' teżerċita s-setgħat mogħtijin lilha bis-saħħa ta' dan l-Att fuq talba, jew għall-finijiet, li tiġi assistita awtorità regolatorja barranija:

(a) meta l-assistenza tenħtieġ mill-awtorità regolatorja barranija għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' xi funzjoni regolatorja tagħha waħda jew aktar; jew

(b) meta jkun hekk jenħtieġ fil-kuntest tar-rabtiet internazzjonali ta' Malta; jew

(ċ) meta jkun hekk jenħtieġ fil-kuntest tal-impenji li jeżistu f'diversi ftehim bilaterali jew multilaterali għall-iskambju ta' informazzjoni u għal għamliet oħra ta' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin inkluża talba li ssir taħt memorandum ta' ftehim magħmul mal-Awtorità.

Jedd li uffiċjal jidħol f'fond, eċċ.

13. (1) Kull uffiċjal, impjegat jew aġent tal-Awtorità jista' jidħol, wara li jipproduċi, jekk hekk jenħtieġ li jagħmel, prova tal-awtorità tiegħu, ġo xi fond okkupat minn persuna li tkun ġiet notifikata b'avviż taħt dan l-Att għall-fini li tinkiseb informazzjoni jew dokumenti li jkunu meħtieġa skont dak l-avviż, jew xort'oħra għall-fini tal-investigazzjoni, u li jiġu eżerċitati s-setgħat mogħtijin lilha.

(2) Meta xi uffiċjal, impjegat jew aġent tal-Awtorità jkollu tassew jaħseb li, kieku dak l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) kellu jiġi notifikat dan ma kienx ser jitħares jew li xi dokument li setgħu jkollhom x'jaqsmu magħhom kienu ser jitneħħew, jitbagħbsu jew jinqerdu, dik il-persuna tista' tidħol, ukoll jekk avviż kif hemm fis-subartikolu (1) ma jkunx ġie notifikat, wara li tipproduċi, jekk tkun hekk tenħtieġ li tagħmel, prova tal-awtorità li jkollha, ġo kull fond imsemmi fis-subartikolu (1) għall-fini li tikseb kull informazzjoni jew dokument speċifikat fl-awtorità, li jkunu informazzjoni jew dokumenti li setgħu kienu meħtieġa taħt dak l-avviż kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1).

(3) Għall-finijiet ta' kull azzjoni meħuda taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità tista' titlob l-assistenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dak l-għan jeżerċita dawk is-setgħat li jkunu vestiti fih għall-prevenzjoni ta' reati u l-infurzar tal-liġi u l-bonordni.

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

14. (1) Il-Ministru jista', bil-parir tal-Awtorità, jagħmel regolamenti sabiex ikunu jistgħu jitwettqu aħjar id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan l-Att, u jista', partikolarment, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, permezz ta' dawk ir-regolamenti:

(a) jirregola aktar l-attivitajiet ta' provdituri ta' servizz lil kumpanniji kif ukoll is-servizzi provduti u l-attivitajiet imwettqa jew f'dak li hu konness magħhom jew li għandu x'jaqsam magħhom, billi jipprovdi dwar kull ħaġa li jidhirlu li tkun spedjenti;

(b) jeżenta kull attività jew klassi ta' persuni mill-ħtiġiet tal-artikoli 3 u 4 u jimponi kondizzjonijiet li jqis li jkunu xierqa għal eliġibilità mill-eżenzjoni;

(ċ) jipprovdi dwar u jirregola l-ħlas li jsir minn persuna, skont kif ikun il-każ, dwar ħlasijiet għal applikazzjoni, reġistrazzjoni jew superviżjoni u dwar kull ħlas ieħor li jsir lill-Awtorità għal kull ħaġa li jiġi provdut dwarha, b'dan l-Att jew taħtu jew taħt kull regolament magħmul taħt dan l-artikolu,

hekk kif jista' jiġi preskritt;

(d) jittrasponi, jimplimenta u jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet u ħtiġiet ta' Direttivi, Regolamenti u kull miżura leġislattiva oħra tal-Unjoni Ewropea li tkun teħtieġ li tiġi trasposta u, jew implimentata, hekk kif dawn jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien, inkluża kull miżura li timplimenta li tkun inħarġet jew tista' tinħareġ taħthom dwar provdituri ta' servizz lil kumpanniji u oħrajn hekk kif jista' jiġi speċifikat fihom jew dwar kull ħaġa oħra li tinkwadra fil-kuntest ta' dan l-Att;

(e) jipprovdi li ma tkun tapplika ebda dispożizzjoni f'xi liġi oħra dwar affarijiet li jkunu jinkwadraw taħt dawn ir-regolamenti;

(f) jippreskrivi kull ħaġa oħra li tista' jew li għandha tiġi preskritta.

(2) Regolamenti li jsiru taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jsiru bl-ilsien Ingliż biss.

SANZJONIJIET U APPELLI

Reati.

15. (1) Kull min jikser jew jonqos milli jħares xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, jew jikser jew jonqos milli jħares xi reġistrazzjoni, kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, direttiva jew ordni magħmulin jew mogħtijin taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, ikun ħati ta' reat.

(2) Kull min għall-finijiet ta', jew skont, xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regoli jew regolamenti magħmulin taħtu, jew ta' xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, direttiva jew ordni magħmulin jew mogħtijin kif imsemmi hawn qabel, jgħaddi informazzjoni jew jagħmel xi dikjarazzjoni li jkun jaf li mhix preċiża, li hi falza jew qarrieqa f'xi aspett materjali tagħha, ikun ħati ta' reat.

(3) Kull min, bil-ħsieb li jaħrab milli jinkixef mill-għemil ta' xi reat taħt dan l-Att, ineħħi, jeqred, jaħbi jew jagħmel xi alterazzjoni bi frodi f'xi ktieb, dokument jew karta oħra, ikun ħati ta' reat.

(4) Kull min bil-ħsieb ifixkel lil xi persuna li tkun qegħda teżerċita xi drittijiet mogħtijin lilha b'dan l-Att ikun ħati ta' reat.

(5) Kull min jaġixxi jew jagħti lil min x'jifhem li qiegħed jaġixxi bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji f'Malta mingħajr ma jkun reġistrat għaldaqstant mill-Awtorità, meta hekk meħtieġ li jkun b'dan l-Att, ikun ħati ta' reat.

(6) Kull min ikun ħati ta' reat taħt is-subartikoli (1), (2), (3), (4) u, jew (5) u, ħlief għal xi piena oħla li tista' tiġi provduta taħt kull liġi oħra, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u sitta u sittin elf euro (€466,000) jew żmien ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(7) Meta reat skont is-subartikoli (1) sa (5) jitwettaq minn korp jew xi assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew magħqud sew mhux magħqud, kull persuna li fil-waqt tal-għemil tar-reat kienet direttur, *manager*, jew xi uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dak il-korp jew ta' dik l-assoċjazzjoni, jew li tkun tat lil wieħed x'jifhem li kienet qegħda taġixxi f'xi kapaċità bħal dik, tkun ħatja ta' dak ir-reat, kemm-il darba ma ġġibx prova li r-reat sar bla ma hija kienet taf bih u li hija tkun eżerċitat kull diliġenza dovuta biex tipprevjeni l-għemil ta' dak ir-reat.

(8) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (7), meta r-reat isir minn korp jew xi assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew magħqud sew mhux magħqud, jew minn xi persuna minn ġewwa u għall-benefiċċju ta' dak il-korp jew assoċjazzjoni, dawn ukoll jeħlu penali amministrattiva li ma tistax tkun iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).

Appelli.

Kap. 330.

16. (1) F'dan l-artikolu it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji tfisser it-tribunal imwaqqaf taħt l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jista' jsir appell quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji dwar:

(a) kull nuqqas li jitgħarraf applikant jew provditur ta' servizz lil kumpanniji reġistrat biċ-ċħid tal-applikazzjoni tiegħu jew bit-tħassir tar-reġistrazzjoni tiegħu skont l-artikolu 7;

(b) kull penali amministrattiva imposta taħt l-artikolu 9 u l-artikolu 15(8);

(ċ) kull ċħid ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew tħassir ta' reġistrazzjoni skont l-artikoli 5 u 6;

(d) kull direttiva mogħtija taħt l-artikolu 11 jew taħt l-artikolu 16(2)(b) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

(e) il-bdil ta' kull kundizzjoni jew li tiġi imposta xi kondizzjoni ġdida skont l-artikolu 7.

Kap. 330.

Kap. 330.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità

għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għandu jkun japplika *mutatis mutandis* għal appelli li jistgħu jinġiebu quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji skont dan l-artikolu.

SKWALIFIKA BĦALA PROVDITUR TA' SERVIZZ LIL KUMPANNIJI

Persuni li mhumiex kwalifikati jaġixxu bħala provdituri ta' servizz lil kumpanniji. Kap. 386.

17. Persuna m'għandhiex tikkwalifika għal reġistrazzjoni bħala provditur ta' servizz lil kumpanniji jekk dik il-persuna:

(a) tkun soġġetta għal xi skwalifika taħt l-artikolu 142(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji;

(b) tkun insabet ħatja ta' xi reat taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, l-Att kontra *Money Laundering*, l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*, u kull regolament magħmul taħthom; Kap. 330. Kap. 370. Kap. 371. Kap. 376. Kap. 487. Kap. 345. Kap. 403. Kap. 476. Kap. 373. Kap. 331.

(ċ) ikun minuri; jew

(d) ikun soġġett għal ordni ta' skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

Dispożizzjonijiet transitorji.

18. (1) Kull min, fid-data meta jidħol fis-seħħ dan l-Att, ikun qiegħed iwettaq is-servizzi ta' provditur ta' servizz lil kumpanniji fil-kuntest tal-interpretazzjoni ta' dan l-Att, għandu, fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jagħmel applikazzjoni għand l-Awtorità għal reġistrazzjoni skont m'hemm fl-artikolu 4.

(2) L-Awtorità għandha taċċetta l-applikazzjonijiet kollha msemmija fis-subartikolu (1) u għandha tipproċessa dawk l-applikazzjonijiet fi żmien sitt xhur minn meta taslilha applikazzjoni kompleta, inkluż li tirċievi kull dokumentazzjoni li tingħata b'sostenn u d-drittijiet li jistgħu jinħtieġu mill-Awtorità fl-ipproċessar ta' dik l-applikazzjoni.

TAQSIMA II

EMENDI FL-ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI TA' MALTA

Emendi fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Kap. 330.

19. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

20. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet oħra" għandhom jidħlu l-kliem "organizzazzjonijiet internazzjonali, l-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq (ESMA), l-Awtorità Ewropea dwar il-Banek (EBA) u kulleġġi tas-superviżuri, l-Awtorità Ewropea dwar Pensjonijiet tal-Assigurazzjoni u tax-Xogħol (EIOPA), il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku (ESRB) u entitajiet oħra".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

21. Minnufih wara s-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dawk ir-Regoli għandhom ikunu jorbtu lid-detenturi ta' liċenza u lil oħrajn skont ma jiġi speċifikat fihom;".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

22. L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ); u

(ii) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) awtoritajiet ta' infurzar jew regolatorji lokali jew barranin, korpi jew entitajiet oħra, jew *network* jew raggruppament li jkun fih awtoritajiet ta' infurzar jew regolatorji lokali jew barranin bħal dawk, korpi jew entitajiet oħra, jew it-tnejn li huma, għall-fini li jiġu prevenuti, mikxufa, investigati jew issir prosekuzzjoni tal-għemil ta' reati li jammontaw għal jew x'aktarx jammontaw għal reat kriminali taħt xi liġi jew għal reat jew ksur ta' xorta regolatorja, sew f'Malta jew barra minn Malta;";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4);

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) L-obbligu tas-sigriet professjonali m'għandux jipprevjeni lill-Awtorità milli tiskambja jew tittrasmetti informazzjoni kunfidenzjali lill-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq (ESMA), lill-Awtorità Ewropea dwar il-Banek (EBA) u lil kulleġġi ta' superviżuri, lill-Awtorità Ewropea dwar Pensjonijiet tal-Assigurazzjoni u tax-Xogħol (EIOPA), jew lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku (ESRB), bla ħsara għal kondizzjonijiet u restrizzjonijiet li joħorġu mil-liġijiet tal-Unjoni Ewropea."; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "ma' awtoritajiet regolatorji barranin għandu jitqies bħala wieħed kunfidenzjali" għandhom jidħlu l-kliem "ma' awtoritajiet regolatorji barranin jew ma' korpi oħra kif previst f'dan l-artikolu għandu jitqies bħala wieħed kunfidenzjali".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

23. L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali "Komunikazzjonijiet mal-Bank Ċentrali ta' Malta." għandhom jidħlu l-kliem "Komunikazzjonijiet mal-Bank Ċentrali ta' Malta u ma' korpi oħra."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tiżvela informazzjoni lil banek ċentrali barranin u lil awtoritajiet oħra responsabbli għal *policy* monetarja" għandhom jidħlu l-kliem "tiżvela informazzjoni lil banek ċentrali barranin, lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lil awtoritajiet oħra responsabbli għall-politika monetarja".

TAQSIMA III

EMENDI FL-ATT DWAR IS-SWIEQ FINANZJARJI

Emendi fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji. Kap. 345.

24. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

25. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover*" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva dwar il-Prospett" tfisser id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 fuq il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet jew li tista' tinħareġ taħtha;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "Direttiva dwar it-Trasparenza" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "ESMA" tfisser l-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq mwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010;

"ESRB" tfisser il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku mwaqqaf bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 fuq is-sorveljanza makro-prudenti tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li twaqqaf Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku;".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

26. Fin-nota marġinali mal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Applikazzjoni għal rikonoxximent." għandhom jidħlu l-kliem "Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

27. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ordni li jirrevoka l-awtorizzazzjoni", għandhom jidħlu l-kliem "ordni li jirrevoka l-ordni ta' awtorizzazzjoni"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-ESMA b'kull ordni li jirrevoka.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

28. Minnufih wara l-artikolu 10A tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha tagħmel lista meta tkun Stat Membru domestiku ta' suq regolat.

10B. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel lista tas-swieq regolati li għalihom hi tkun l-iStat Membru domestiku u għandha tgħaddi dik il-lista lil Stati Membri oħra, Stati ŻEE u l-ESMA. Għandha ssir notifikazzjoni simili dwar kull tibdil li jsir f'dik il-lista.".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

29. L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "mad-Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover*.", għandhom jidħlu l-kliem "mad-Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover*;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) li tikkoopera mal-ESMA għall-finijiet tad-Direttiva dwar il-Prospett, kif hemm fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010.".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

30. Minnufih wara s-subartikolu (9) tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10) L-Awtorità dwar l-Elenku għandha tavża lill-ESMA bl-approvazzjoni tal-prospett u ta' kull suppliment relattiv fl-istess ħin li dik l-approvazzjoni tiġi avżata lill-applikant, u għandha tipprovdi lill-ESMA kopja ta' dak il-prospett u ta' kull suppliment relattiv.".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

31. Fil-paragrafu (ċ) of subartikolu (1) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "u tgħarraf b'dan lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej", għandhom jidħlu l-kliem, "u tgħarraf lill-ESMA u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

32. Minnufih wara l-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra.

21A. L-Awtorità dwar l-Elenku għandha tikkoopera ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra kull meta dan ikun meħtieġ għall-fini li twettaq dmirijietha u li teżerċita s-setgħat tagħha taħt id-Direttiva dwar il-Prospett u d-Direttiva dwar it-Trasparenza. Hija għandha tagħti l-għajnuna meħtieġa lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, partikolarment billi tiskambja informazzjoni u tikkoopera f'kull funzjoni investigattiva jew superviżorja.

Referenza ta' każijiet lill-ESMA.

21B. L-Awtorità dwar l-Elenku tista' tirreferi lill-ESMA każijiet meta talba għal kooperazzjoni, partikolarment għall-iskambju ta' informazzjoni, tkun ġiet miċħuda jew ma jkun sar xejn dwarha fi żmien raġonevoli.

Obbligu ta' segretezza professjonali.

21Ċ. L-obbligu tas-sigriet professjonali m'għandux jipprevjeni lill-Awtorità dwar l-Elenku milli tiskambja informazzjoni kunfidenzjali jew milli tittrasmetti informazzjoni kunfidenzjali lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, lill-ESMA jew lill-ESRB, bla ħsara għal impedimenti li jkollhom x'jaqsmu ma' informazzjoni speċifika dwar xi ditta u l-effetti fuq pajjiżi terzi kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makro-prudenti tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u dwar it-twaqqif ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku rispettivament. Informazzjoni skambjata bejn l-Awtorità dwar l-Elenku u awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, l-ESMA jew l-ESRB għandha tkun koperta bl-obbligu ta' segretezza professjonali, li jkunu soġġetti għaliha l-persuni impjegati jew li qabel kienu impjegati mill-awtorità kompetenti li tkun qegħda tirċievi l-informazzjoni.

Avviż li jingħata lill-ESMA.

21D. L-Awtorità dwar l-Elenku għandha tavża lill-ESMA dwar kull ftehim ta' kooperazzjoni li tagħmel u li jkun jipprovdi għall-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji jew korpi li jkunu jistgħu jagħmlu dan bis-saħħa tal-liġijiet rispettivi tagħhom, biex iwettqu ħidmiet taħt id-Direttiva dwar it-Trasparenza.".

Emenda tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali.

33. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem, "inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun inħarġet jew li tista' tinħareġ taħtha u relatati ma' aġenziji li jiggradaw il-kreditu, swieq regolati u, jew l-ammissibbiltà għall-elenku ta' strumenti finanzjarji u lil oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom jew ma' xi ħaġa oħra li taqa' taħt it-termini ta' dan l-Att.", għandhom jidħlu l-kliem "inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun inħarġet jew li tista' tinħareġ taħtha, u inklużi dawk relatati ma' aġenziji li jiggradaw il-kreditu, swieq regolati, swieq ta' kommoditajiet, kontropartijiet ċentrali, depożitarji ta' titoli ċentrali, *market making*, *short selling*, transazzjonijiet f'derivattivi OTC, repositorji kummerċjali u, jew l-ammissibbiltà għall-elenku ta' strumenti finanzjarji dwarhom u oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom jew ma' xi ħaġa oħra li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) sabiex jirregola l-operazzjoni u, jew ir-reġistrazzjoni tal-kontropartijiet ċentrali li joperaw f'Malta jew minn ġo Malta.".

TAQSIMA IV

EMENDI FL-ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT

Emendi fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment. Kap. 370.

34. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

35. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok it-tifsira "awtorità kompetenti"

għandu jidħol dan li ġej:

" "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;";

(ii) minflok it-tifsira "awtorità regolatorja Ewropea" għandu jidħol dan li ġej:

" "awtorità regolatorja Ewropea" tfisser dak il-korp jew korpi msemmija minn Stat Membru jew Stat ŻEE li ma jkunx Malta skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva AIFM, l-Artikolu 48 tad-Direttiva MIFID u l-Artikolu 97 tad-Direttiva UCITS biex iwettqu kull wieħed mid-dmirjiet li hemm provdut dwarhom taħt id-dispożizzjonijiet differenti ta' dawk id-Direttivi;"

(iii) minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "CRD" tfisser id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ditti ta' investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, kif emendati minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li kienet, jew tista' tiġi maħruġa taħtha;

"CRR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru. 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 fuq il-ħtiġiet prudenti għal istituzzjonijiet ta' kreditu u għal ditti ta' investiment li jemenda r-Regolament (UE) Nru. 648/2012, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li kienet, jew tista' tiġi maħruġa taħtu;";

(iv) minnufih wara t-tifsira "detentur ta' liċenza" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva AIFM" tfisser id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8

ta' Ġunju 2011 dwar *Managers* ta' Fond ta' Investiment Alternattiv u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, kif emendati minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura li timplimenta li tkun inħarġet jew tista' tinħareġ taħthom;";

(v) minnufih wara t-tifsira " "dokument" jew "dokumentazzjoni" " għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "ESMA" tfisser l-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq imwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010;

"ESRB" tfisser il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku mwaqqaf bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 fuq is-sorveljanza makro-prudenti magħmula mill-Unjoni Ewropea fuq is-sistema finanzjarja u li jwaqqaf Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku;

"Fond ta' Investiment Alternattiv jew AIF" tfisser skema ta' investiment kollettiv, inklużi sottofondi tagħhom, li tikseb kapital mingħand għadd ta' investituri, bil-għan li tinvestih skont *policy* ta' investiment definita għal benefiċċju ta' dawk l-investituri, u li ma tikkwalifikax bħala Skema UCITS skont id-Direttiva UCITS;";

(vi) minnufih wara t-tifsira "Kumpannija ta' Investiment Ewropew", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumpannija ta' Maniġġar Ewropew" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha f'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;";

(vii) minnufih wara t-tifsira "liċenza għal skema ta' investiment kollettiv", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*Manager* ta' Fond ta' Investiment Alternattiv jew AIFM" tfisser persuna ġuridika li

x-xogħol regolari tagħha jkun il-maniġġar ta' xi AIF waħda jew aktar;";

(viii) minnufih wara t-tifsira "reklam ta' investiment", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament (UE) Nru 1095/2010" tirreferi għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jwaqqaf Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE;"; u

(ix) minnufih wara t-tifsira "sussidjarja", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "UCITS" tfisser impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli kif hemm fid-Direttiva UCITS kif hawn imfissra;"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva MIFID u tad-Direttiva UCITS", għandhom jidħlu l-kliem "jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva AIFM, tad-Direttiva MIFID u tad-Direttiva UCITS, u ta' kull Regolamenti tal-UE jew Direttivi dwar servizzi finanzjarji".

Emenda tal-artikolu 2A tal-Att prinċipali.

36. L-artikolu 2A tal-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tal-istess artikolu, u minnufih wara s-subartikolu (1) għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) L-awtorità kompetenti għandha wkoll twettaq id-dmirijiet ta' awtorità kompetenti għall-finijiet kollha tad-Direttiva AIFM, tad-Direttiva MIFID u tad-Direttiva UCITS, u l-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, l-ESMA u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej għandhom jiġu mgħarrfa b'dan kollu.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kull dmir ieħor li joħroġ minn dan l-Att, mid-Direttiva AIFM, mid-Direttiva MIFID jew mid-Direttiva UCITS, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tavża lill-ESMA bl-ilment u bil-proċeduri ta' rimedju li huma disponibbli f'Malta;

(b) tavża lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, lill-ESMA u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej l-oħrajn li kull kuntatt għandu jsir magħha kif hemm fl-artikolu 17(1)

u li hi l-Awtorità appuntata biex tirċievi talbiet għall-iskambju ta' informazzjoni jew kooperazzjoni skont dan l-Att;

(ċ) tibgħat lill-ESMA u lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, lista tal-kategoriji ta' *bonds* imsemmija fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva UCITS flimkien mal-kategoriji ta' emittenti awtorizzati, kif hemm fil-liġijiet u fl-arranġamenti superviżorji msemmija f'dak is-subparagrafu, għall-ħruġ ta' *bonds* li josservaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 54 tad-Direttiva UCITS. Għandu jintehmeż ma' dawk il-listi avviż li jkun jispeċifika l-istatus tal-garanziji offerti;

(d) tiżgura li kull informazzjoni riċevuta taħt it-tielet paragrafu tal-artikolu 51 tad-Direttiva UCITS u li tinġabar dwar il-kumpanniji ta' maniġġar jew investiment kollha li huma jissorveljaw tkun aċċessibbli lill-ESMA kif hemm fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, u lill-ESRB kif hemm fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 għall-fini tal-monitoraġġ ta' riskji sistemiċi f'livell tal-Unjoni Ewropea;

(e) bla ħsara għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tipprovdi lil ESMA u lil ESRB b'informazzjoni aggregata dwar l-attivitajiet tal-AIFMs li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom;

(f) tipprovdi lil ESMA u lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra kull informazzjoni meħtieġa għall-finijiet li twettaq dmirijietha taħt id-Direttiva AIFM.".

37. Minnufih wara s-subartikolu (9) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

"(10) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-ESMA kull meta tinħareġ liċenza għal servizzi ta' investiment mill-awtorità kompetenti kif hawn f'dan l-artikolu.".

38. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu -

(i) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) jekk l-awtorità kompetenti tkun ingħatat mid-detentur ta' liċenza jew f'ismu tagħrif li jkun falz, mhux preċiż jew qarrieqi, jew jekk id-detentur ta' liċenza jkun kiseb il-liċenza billi jkun għamel dikjarazzjonijiet qarrieqa jew b'kull mezz irregolari ieħor; jew";

(ii) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "detentur ta' liċenza;", għandhom jidħlu l-kliem "detentur ta' liċenza; u";

(iii) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "ta' dik il-liċenza; u", għandhom jidħlu l-kliem "ta' dik il-liċenza."; u

(iv) il-paragrafu (h) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-ESMA dwar kull tħassir għal liċenza għal servizzi ta' investiment kif hemm fis-subartikolu (1).".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

39. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (k) tiegħu, minflok il-kliem "tad-Direttiva MIFID u Direttiva UCITS;", għandhom jidħlu l-kliem "tad-Direttiva AIFM, tad-Direttiva MIFID, u tad-Direttiva UCITS;";

(b) fil-paragrafu (l) tiegħu, minflok il-kliem "u jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza ta' kapital ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (*recast*), skont ma tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni maħruġa taħtha;" għandhom jidħlu l-kliem "u jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-dispożizzjonijiet tas-CRD u tas-CRR, skont ma tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, inkluż il-provdiment dwar l-implimentazzjoni ta' *standards* tekniċi kif hemm speċifikati; jirregola s-superviżjoni fuq bażi konsolidata, jipprovdi dwar konsultazzjoni, koordinament, kooperazzjoni u l-qsim u skambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej u mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi oħra kif ikun meħtieġ; jipprovdi għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Bord Ewropew dwar ir-

Riskju Sistemiku, banek ċentrali li huma membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, inkluż il-Bank Ċentrali ta' Malta, l-iskambju ta' informazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq, u skambju ta' informazzjoni ma' dipartimenti oħra ta' amministrazzjonijiet tal-gvern fi Stati Membri oħra responsabbli għal-liġi fuq is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni u ma' spetturi li jaġixxu għan-nom ta' dawk id-dipartimenti; jipprovdi għat-twaqqif ta' kulleġġi ta' superviżuri; jipprovdi għall-eżerċizzju ta' poteri mill-Awtorità fuq ditti ta' investiment, istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpanniji *holding* finanzjarji, kumpanniji *holding* mħallta u kumpanniji *holding* ta' attivitajiet mħallta, jew l-amministraturi effettivi tagħhom, kif jista' jitfisser fir-regolamenti msemmija; jipprovdi għat-twaqqif u li jiġu imposti penali amministrattivi fuq id-detenturi ta' liċenza jew oħrajn kif hemm speċifikat jew miżuri oħra għall-ksur ta' xi regolament, u biex jipprovdi dwar appelli minnhom quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji; jipprovdi għall-obbligi tal-awtorità kompetenti li tirrapporta lill-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Awtorità Ewropea dwar l-Assigurazzjoni u x-Xogħol, lill-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq hekk kif jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti msemmija;"; u

(ċ) kif jista' jiġi speċifikat fihom jew ma' xi ħaġa oħra li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal dan il-għan biex jipprovdu li xi dispożizzjoni ta' xi liġi oħra m'għandhiex tapplika għal ħwejjeġ li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti, u, b'mod partikolari, jistgħu jipprovdu li safejn xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jipprevalu, u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji m'għandhomx, sa fejn ikunu inkonsistenti, japplikaw;", għandhom jidħlu l-kliem "kif jista' jiġi speċifikat fihom; regolamenti magħmulin taħt dan il-paragrafu, u li strettament ikollhom x'jaqsmu mat-traspożizzjoni jew implimentazzjoni kif hawn qabel imsemmi, jistgħu jipprovdu li xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra m'għandhiex tkun tapplika għal ħwejjeġ li jaqgħu taħt ir-regolamenti, u li safejn xi dispożizzjoni tar-regolamenti tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi l-oħra, huma dawk id-dispożizzjonijiet f'dawk ir-regolamenti li jipprevalu;".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

40. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (v) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-

ġdid bħala l-paragrafu (vi); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (iv) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(v) lil awditur ta' detentur ta' liċenza; jew".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

41. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "jew kull ħtieġa oħra,", għandhom jidħlu l-kliem "jew kull ħtieġa oħra, inkluża kull ħtieġa li toħroġ mill-liġijiet tal-Unjoni Ewropea,";

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "fir-rigward ta' detentur ta' liċenza titneħħa jew titneħħa u tinbidel;", għandhom jidħlu l-kliem "fir-rigward ta' detentur ta' liċenza tiġi projbita, temporanjament jew xort'oħra, sospiża milli twettaq attivitajiet li tista' tinħarġilhom liċenza taħt l-Att, jew titneħħa jew titneħħa u tinbidel";

(ċ) il-paragrafi (f) u (g) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (g) u (h) rispettivament;

(d) minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) titlob lid-detentur tal-liċenza biex jippreżenta pjan ta' rkupru finanzjarju, hekk kif jista' jiġi stabbilit fir-Regoli ta' Servizzi ta' Investiment, jekk tikkunsidra li l-interess ta' investituri, konsumaturi, krediturі jew persuni oħra interessati x'aktarx li jkunu preġudikati minħabba f'deterjorament fil-pożizzjoni finanzjarja tad-detentur ta' liċenza;";

(e) fil-paragrafu (g) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "fl-implimentazzjoni tad-Direttiva MIFID u tad-Direttiva UCITS;", għandhom jidħlu l-kliem "fl-implimentazzjoni tad-Direttiva AIFM, tad-Direttiva MIFID u tad-Direttiva UCITS;";

(f) fil-paragrafu (h) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji.", għandhom jidħlu l-kliem "skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji:"; u

(g) minnufih wara l-paragrafu (h) tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta jkunu qegħdin jiġu applikati l-paragrafi (d) u (e), l-awtorità kompetenti tista' taħtar ukoll lil persuna kompetenti biex taġixxi bħala likwidatur għall-iskopijiet tal-istralċ tal-kummerċ tad-detentur ta' liċenza taħt dan l-Att; u dik il-persuna għandha tkun il-likwidatur tad-detentur ta' liċenza għall-finijiet kollha tal-liġi b'esklużjoni ta' kull persuna oħra.".

42. Minnufih wara l-artikolu 15 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa tal-awtorità kompetenti li tħares l-interess pubbliku.

15A. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtija lill-awtorità kompetenti taħt dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', meta tkun sodisfatta li jkun hemm ċirkostanzi biżżejjed, tgħaddi biex tieħu xi miżura waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) taħtar persuna biex tagħti parir lid-detentur tal-liċenza dwar kif imexxi sew l-attivitajiet tiegħu;

(b) taħtar persuna biex tmexxi l-assi tad-detentur tal-liċenza, jew xi parti minnhom, għall-finijiet li jitħarsu l-interessi ta' investitur, konsumaturi, krediturі jew, jekk ikun hemm, azzjonisti, tad-detentur tal-liċenza;

(ċ) taħtar persuna biex tieħu f'idejha l-kontroll tan-negozju tad-detentur tal-liċenza, jew biex tkompli għaddejja b'dak in-negozju jew biex twettaq kull funzjoni jew funzjonijiet oħra fir-rigward ta' dak in-negozju, jew parti minnu, hekk kif tista' tordna l-awtorità kompetenti;

(d) tistabbilixxi l-ħlas li għandu jitħallas lid-detentur tal-liċenza għal kull persuna maħtura taħt l-artikolu 15 jew taħt dan l-artikolu;

(e) tagħmel kull ħaġ'oħra li tqis adatta fiċ-ċirkostanzi biex tagħti seħħ aħjar lill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu,

u wara li tkun adottat xi miżura waħda jew aktar minn dawk imsemmija hawn qabel, l-awtorità kompetenti tista' tibqa' għaddejja b'xi miżura waħda jew aktar, sew b' żieda magħhom jew minflokhom.

(2) Meta persuna tinħatar mill-awtorità kompetenti -

(a) taħt is-subartikolu (1)(a), id-detentur tal-liċenza jkollu d-dmir li jaġixxi skont il-parir li jingħatalu minn dik il-persuna kemm-il darba u sakemm l-awtorità kompetenti, wara li jsirilha ilment, ma tordnax mod ieħor;

(b) taħt is-subartikolu (1)(b), id-detentur tal-liċenza għandu jagħti lil dik il-persuna l-attiv tiegħu kollu, sew mobbli sew immobbli, li jkun qiegħed imexxi, u s-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet kollha tad-detentur tal-liċenza dwar dak l-attiv, inkluż, jekk dak id-detentur tal-liċenza jkun persuna legali, dawk eżerċitati mill-persuna legali waqt laqgħa ġenerali, jew mid-diretturi, jew minn kull persuna oħra, inklużi r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' dik il-persuna legali, għandhom ikunu eżerċitati minn u jvestu fil-persuna maħtura taħt l-imsemmi paragrafu b'esklużjoni ta' kull persuna oħra;

(ċ) taħt is-subartikolu (1)(ċ), id-detentur ta' licenza għandu jippreżenta n-negozju tiegħu għall-kontroll ta' dik il-persuna u għandu jipprovdi lil dik il-persuna b'dawk il-faċilitajiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex imexxu dak in-negozju jew biex iwettqu l-funzjonijiet assenjati lil dik il-persuna taħt dak il-paragrafu; u s-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet kollha tad-detentur tal-liċenza, inklużi, jekk dak id-detentur tal-liċenza jkun persuna legali, dawk li jistgħu jiġu eżerċitati mill-persuna legali f'laqgħa ġenerali, jew mid-diretturi, jew minn xi persuna oħra, inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' dik il-persuna legali f'kull ħaġa, għandha tkun tista' tiġi eżerċitata minn u tvesti f'dik il-persuna b'esklużjoni ta' kull persuna oħra.

(3) L-awtorità kompetenti tista', meta tħoss li jkun fl-aħjar interess tal-pubbliku li tagħmel dan, tagħmel jew toħroġ dikjarazzjonijiet jew avviżi pubbliċi fejn jingħataw twissijiet jew tagħrif dwar kull miżura li tittieħed skont dan l-artikolu.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tenħtieġ lid-detentur tal-liċenza involut iħallas l-ispejjeż kollha għal, u li għandhom x'jaqsmu mal-pubblikazzjoni jew ħruġ ta' dikjarazzjonijiet jew avviżi pubbliċi skont dan l-artikolu, jew dik il-parti minnhom bħalma tista' tqis li tkun adatta; u kull ammont hekk dovut għandu jkun jista' jinġabar mill-awtorità kompetenti bl-istess mod bħala penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 16A tal-Att prinċipali.

43. Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 16A tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(5) Meta l-awtorità kompetenti tkun għamlet dikjarazzjoni pubblika skont is-subartikolu (4), hija għandha fl-istess waqt tirrapporta dak il-fatt lill-ESMA.

(6) L-awtorità kompetenti għandha ta' kull sena tipprovdi lill-ESMA l-informazzjoni miġbura dwar il-miżuri

amministrattivi u s-sanzjonijiet kollha imposti kif hawn f'dan l-artikolu u għandha meta tiġi hekk mitluba tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar l-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi u l-impożizzjoni ta' penalitajiet fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva AIFM.".

Emenda tal-artikolu 16B tal-Att prinċipali.

44. Fl-artikolu 16B tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva MIFID u d-Direttiva UCITS,", għandhom jidħlu l-kliem "dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva AIFM, id-Direttiva MIFID u d-Direttiva UCITS,".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

45. L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "id-Direttiva MIFID u d-Direttiva UCITS", kull fejn dawn jinsabu f'dak is-subartikolu (2), għandhom jidħlu l-kliem "id-Direttiva AIFM, id-Direttiva MIFID u d-Direttiva UCITS";

(ii) minflok il-kliem "Regoli ta' Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtha.", għandhom jidħlu l-kliem "Regoli ta' Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtha:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika informazzjoni lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħrajn meta dan ikun rilevanti għall-monitoraġġ u b'risposta għall-implikazzjonijiet potenzjali tal-attivitajiet ta' xi AIFM individwali jew AIFMs kollettivament, għall-istabbilità ta' ditti ta' investiment sistematikament rilevanti u l-funzjonament b'ordni ta' swieq fejn AIFMs ikunu attivi. ESMA u ESRB għandhom jiġu mgħarrfa b'dak li jkun qiegħed jiġri.";

(b) fis-subartikolu (8) tiegħu, minflok il-kliem "Is-subartikolu (7) u l-artikolu 26" għandhom jidħlu l-kliem "Is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu u l-artikolu 26";

(ċ) fis-subartikolu (9) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva MIFID jew tad-Direttiva UCITS", għandhom jidħlu l-kliem "li jmorru kontra d-

dispożizzjonijiet tad-Direttiva AIFM, tad-Direttiva MIFID jew tad-Direttiva UCITS";

(ii) minflok il-kliem "lill-punt ta' riferiment fl-Istat Membru l-ieħor jew Stat ŻEE", għandhom jidħlu l-kliem "lill-punt ta' riferiment fl-Istat Membru l-ieħor jew Stat ŻEE u lill-ESMA:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta dawk l-atti suspetti jkunu ġew jew ikunu suspettati li jkunu saru minn xi AIFM bi ksur tad-Direttiva AIFM, l-awtorità kompetenti għandha wkoll tgħarraf lill-Istat Membru domestiku u lill-Istat Membru ospiti tal-AIFM, kif ikun il-każ, bl-iktar mod speċifiku possibbli."; u

(d) fis-subartikolu (11) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "li jkunu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva MIFID jew tad-Direttiva UCITS", għandhom jidħlu l-kliem "li jkunu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva AIFM, tad-Direttiva MIFID jew tad-Direttiva UCITS"; u

(ii) minflok il-kliem "għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tavża", għandhom jidħlu l-kliem "għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tavża u lill-ESMA".

Emenda tal-artikolu 17A tal-Att prinċipali.

46. L-artikolu 17A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew f'xi investigazzjoni:", għandhom jidħlu l-kliem "jew f'xi investigazzjoni fit-territorju tal-awtorità regolatorja fil-qafas tas-setgħat relattivi:";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "kif hemm fl-Artikolu 101(5) tad-Direttiva UCITS", għandhom jidħlu l-kliem "kif hemm fl-Artikolu 54(2) tad-Direttiva AIFM u fl-Artikolu 101(5) tad-Direttiva UCITS"; u

(ii) minflok il-kliem "għall-kontroll totali ta' dak l-Istat Membru.", għandhom jidħlu l-kliem "għall-kontroll totali ta' dak l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun qegħda ssir dik il-verifika jew investigazzjoni."; u

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "kif hemm fl-Artikolu 101(5) tad-Direttiva UCITS", għandhom jidħlu l-kliem "kif hemm fl-Artikolu 54(2) tad-Direttiva AIFM u fl-Artikolu 101(5) tad-Direttiva UCITS".

Emenda tal-artikolu 17B tal-Att prinċipali.

47. L-artikolu 17B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "nominati bħala punti ta' riferiment taħt l-artikolu 56(1) tad-Direttiva MIFID, jew mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej", għandhom jidħlu l-kliem "nominati bħala punti ta' riferiment taħt l-Artikolu 44 tad-Direttiva AIFM, jew mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment taħt l-Artikolu 56(1) tad-Direttiva MIFID, jew mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej"; u

(b) minflok il-kliem "F'każ bħal dak hawn qabel imsemmi, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea skont dan, fejn kemm jista' jkun tipprovdi informazzjoni dettaljata biex tiġġustifika dak ir-rifjut.", għandhom jidħlu l-kliem "F'każ ta' rifjut bħal dak, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea u lill-ESMA b'dan kollu, filwaqt illi kemm jista' jkun tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar dak ir-rifjut.".

Enumerazzjoni mill-ġdid tal-artikolu 17D tal-Att prinċipali.

48. L-artikolu 17D tal-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 17F.

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

49. Minnufih wara l-artikolu 17Ċ tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Referenza li ssir lill-ESMA.

17D. L-awtorità kompetenti tista' tirreferi lill-ESMA sitwazzjonijiet meta talba li jkollha x'taqsam ma' xi punt minn dawn li ġejjin tkun ġiet miċħuda jew ma jkun sar xejn dwarha fi żmien raġonevoli:

(a) għall-iskambju ta' informazzjoni kif previst fl-artikolu 17;

(b) għall-għemil ta' xi attività ta' superviżjoni, verifika jew investigazzjoni fuq il-post, kif previst fl-artikolu 17A; u

(ċ) għall-ksib ta' awtorizzazzjoni sabiex l-uffiċjali tagħha jakkumpanjaw lil dawk tal-awtorità regolatorja Ewropea kif previst fl-artikolu 17A.

Kooperazzjoni mal-ESMA.

17E. (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mal-ESMA għall-finijiet tad-Direttiva AIFM, tad-Direttiva MIFID u tad-Direttiva UCITS skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(2) Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtorità kompetenti u awtorità regolatorja Ewropea dwar xi stima, azzjoni jew ommissjoni li jkunu jappartjenu lil xi waħda minn dawk l-awtoritajiet, f'oqsma fejn id-Direttiva AIFM tkun teħtieġ kooperazzjoni jew koordinazzjoni bejn awtoritajiet minn aktar minn Stat Membru wieħed, l-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwistjoni lil ESMA.

(3) L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tipprovdi lill-ESMA kull informazzjoni meħtieġa biex twettaq dmirijietha taħt id-Direttiva AIFM, id-Direttiva MIFID u d-Direttiva UCITS skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

50. Minnufih wara l-artikolu 17F, kif enumerat mill-ġdid, tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-ESMA dwar kull diffikultà ġenerali.

17G. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea u lill-ESMA dwar kull diffikultà ġenerali li:

(a) id-detentur ta' liċenza għal servizzi ta' investiment jiltaqa' magħha meta jkun qiegħed jistabbilixxi lilu nnifsu jew jipprovdi servizzi ta' investiment u, jew iwettaq attivitajiet ta' investiment f'xi pajjiż jew territorju barrani; u

(b) l-UCITS jiltaqgħu magħhom meta jkunu qegħdin ibiegħu l-unitajiet tagħhom f'xi pajjiż jew territorju barrani.".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

51. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem, "l-artikolu 12(5); jew", għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 12(5);";

(b) fil-paragrafu (h) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 15.", għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 15; jew"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (h) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) kull miżura li tittieħed skont l-artikolu 15A(1), (2) u (4).".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

52. L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel proviso mas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew operaturi fis-swieq:", għandhom jidħlu l-kliem "jew operaturi fis-swieq, inkluż l-iskambju jew it-trasmissjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali lill-ESMA jew lill-ESRB:"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu -

(i) minflok il-kliem "Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikoli 17 u 17D" għandhom jidħlu l-kliem "Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikoli 17 u 17F"; u

(ii) minflok il-kliem "għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom:" għandhom jidħlu l-kliem "għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Bl-istess mod, l-awtorità kompetenti jkollha jedd tirċievi dik l-informazzjoni li tista' tkun teħtieġ għall-fini li twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt id-Direttiva MIFID:".

TAQSIMA V

EMENDI FL-ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU

Emendi fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Kap. 371.

53. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

54. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "direttur" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "EBA" tfisser l-Awtorità Ewropea dwar il-Banek imwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010;";

(b) fit-tifsira "istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE" -

(i) minflok il-kliem "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja stabbilita f'xi Stat Membru:", għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja mħallta stabbilita f'xi Stat Membru:"; u

(ii) fit-tieni paragrafu tagħha, fit-tifsira "istituzzjoni ta' kreditu prinċipali fi Stat Membru", minflok il-kliem, "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja stabbilita fl-istess Stat Membru;", għandhom jidħlu l-kliem, "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "kumpannija" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kumpannija *holding* finanzjarja mħallta" tfisser impriża prinċipali, li ma tkunx entità regolata, li flimkien mas-sussidjarji tagħha, li mill-inqas waħda minnhom tkun entità regolata li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fl-Unjoni Ewropea jew fiż-ŻEE, u entitajiet oħra, tikkostitwixxi konglomerat finanzjarju;";

(d) minnufih wara t-tifsira ġdida "kumpannija *holding* finanzjarja mħallta tal-UE", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kumpannija *holding* finanzjarja prinċipali mħallta" tfisser kumpannija *holding* finanzjarja prinċipali mħallta fi Stat Membru, li hi nnifisha mhix sussidjarja ta' xi istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'xi Stat Membru jew ta' xi kumpannija *holding* finanzjarja oħra jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja mħallta stabbilita f'xi Stat Membru:

Għall-fini ta' din it-tifsira, "kumpannija *holding*

finanzjarja prinċipali mħallta fi Stat Membru" tfisser kumpannija *holding* finanzjarja mħallta li hi nnifisha mhix sussidjarja ta' xi istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta' xi kumpannija *holding* finanzjarja jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;";

(e) fit-tifsira "kumpannija *holding* finanzjarja prinċipali tal-UE" -

(i) minflok il-kliem, "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja oħra stabbilita f'xi Stat Membru:", għandhom jidħlu l-kliem, "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja oħra jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja mħallta stabbilita f'xi Stat Membru:"; u

(ii) fit-tieni paragrafu tagħha, fit-tifsira "kumpannija *holding* finanzjarja prinċipali fi Stat Membru", minflok il-kliem "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja stabbilita fl-istess Stat Membru;", għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja jew ta' kumpannija *holding* finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;";

(f) minflok it-tifsira "Stat Membru" għandu jidħol dan li ġej:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u tinkludi Stat ŻEE;";

(g) fit-tifsira "superviżur konsolidatur", minflok il-kliem "kontrollati minn kumpanniji *holding* finanzjarji prinċipali tal-UE;", għandhom jidħlu l-kliem "kontrollati minn kumpanniji *holding* finanzjarji prinċipali tal-UE jew minn kumpanniji *holding* finanzjarji mħallta tal-UE;".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

55. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti biex jittrasponi, jimplimenta u jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet u l-ħtiġiet

ta' Direttivi, Regolamenti u kull miżura leġislattiva oħra tal-Unjoni Ewropea li tkun teħtieġ li tiġi trasposta u, jew implimentata, hekk kif dawn jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien, inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun inħarġet jew li tista' tinħareġ taħthom u li jkollha x'taqsam mad-detenturi ta' liċenzi u ma' oħrajn skont ma jista' jiġi speċifikat fihom; kull regolamenti bħal dawk li jistgħu strettament ikollhom x'jaqsmu mat-traspożizzjoni jew implimentazzjoni kif imsemmija qabel jista' jkun fihom dispożizzjonijiet li jkunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, u għal dan il-għan jistgħu jipprovduli kull dispożizzjoni f'dan l-Att jew f'kull liġi oħra m'għandhiex tkun tapplika għal ħwejjeġ li jaqgħu taħt ir-regolamenti, u fil-każ ta' xi inkonsistenza bħal dik, dawk id-dispożizzjonijiet f'xi regolamenti bħal dawk għandhom jipprevalu.".

Emenda tal-artikolu 4A tal-Att prinċipali.

56. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 4A tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Kumitat ta'Superviżuri Bankarji Ewropej" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "EBA".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

57. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-applikazzjonijiet kollha għal liċenza għandhom ikunu f'dik il-forma u għandu jkollhom magħhom dik l-informazzjoni, u għandhom ikunu konformi ma' dawk il-ħtiġiet li jistgħu jiġu preskritti minn żmien għal żmien permezz ta' xi Regola Bankarja. Dawk il-ħtiġiet għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea u lill-EBA:

Iżda applikazzjoni tista' tiġi biss irtirata b'avviż bil-miktub lill-awtorità kompetenti fi żmien qabel ma liċenza tkun ġiet mogħtija jew miċħuda.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

58. Fis-subartikolu (8) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea b'kull liċenza li tinħareġ", għandhom jidħlu l-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-EBA dwar kull liċenza li tinħareġ".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

59. Fis-subartikolu (7) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'kull revoka ta' liċenza", għandhom jidħlu l-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea u lill-EBA ir-raġunijiet għar-revoka ta' liċenza".

Emenda tal-artikolu 11A tal-Att prinċipali.

60. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 11A tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni Ewropea", għandhom jidħlu l-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, lill-EBA".

Emenda tal-artikolu 16A tal-Att prinċipali.

61. L-artikolu 16A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2)(a); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (a) of subartikolu (2), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Għall-finijiet li jiġi stabbilit il-livell adatt ta' fondi tagħha stess abbażi tar-reviżjoni u l-valutazzjoni li jsiru kif hemm fl-artikolu 17D, l-awtorità kompetenti għandha tevalwa jekk tkunx meħtieġa l-impożizzjoni ta' xi ħtieġa speċifika ta' fondi tagħha stess li tkun aktar mil-livell minimu biex taqbad riskji li istituzzjoni ta' kreditu tkun jew tista' tiġi esposta għalihom, b'konsiderazzjoni mogħtija lil dan li ġej:

(i) l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tal-proċess ta' valutazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fl-artikolu 17Ċ;

(ii) l-arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fl-artikolu 17B;

(iii) l-eżitu tar-reviżjoni u l-valutazzjoni li jkunu saru skont l-artikolu 17D.".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

62. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-awtorità kompetenti għandha tordna lill-istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, biex tieħu dawk il-miżuri meħtieġa", għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti għandha tordna lill-istituzzjoni ta' kreditu biex tieħu dawk il-miżuri meħtieġa".

Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

63. L-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti tista' wkoll, abbażi tal-obbligi internazzjonali ta' Malta, tiżvela informazzjoni lil awtoritajiet regolatorji barranin u lill-EBA skont id-Direttiva dwar Ħtiġiet Kapitali, Direttivi oħra tal-Unjoni Ewropea li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu, u l-Artikoli 31 u 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għas-sigriet professjonali kif previst taħt dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu."; u

(b) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem minn "L-awtorità kompetenti tista' wkoll, wara li ssirilha talba" sal-kliem "msemmija hawn qabel, taħt il-liġi:", għandu jidħol dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tista' wkoll, wara li ssirilha talba bil-miktub, tiżvela -

(a) lill-Bank Ċentrali, lil banek ċentrali tas-sistema Ewropea ta' banek ċentrali, banek ċentrali barranin oħra, korpi oħra li jkollhom funzjoni simili fil-kwalità tagħhom ta' awtoritajiet monetarji meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għall-eżerċizzju tal-ħidmiet statutorji rispettivi tagħhom, inkluża t-tmexxija ta' politika monetarja u l-provdiment ta' likwidità relatata, is-sorveljanza ta' ħlas, sistemi ta' *clearing* u ta' ħlas assaldu u l-ħarsien tal-istabbilità tas-sistema finanzjarja;

(b) meta jkun xieraq, lil awtoritajiet oħra responsabbli għas-sorveljanza ta' sistemi ta' ħlas;

(ċ) lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku, meta l-informazzjoni tkun rilevanti għall-eżerċizzju ta' ħidmiet statutorji taħt ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew,

kull informazzjoni li tkun fil-pussess tal-awtorità kompetenti jew aċċessibbli għall-awtorità kompetenti, meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet

tal-Bank Ċentrali u tal-awtoritajiet l-oħra msemmija hawn qabel, taħt il-liġi:"; u

(ii) fl-ewwel proviso li hemm miegħu, minflok il-kliem "sistemi ta' *clearing* u ħlas assaldu, u l-ħarsien tal-istabbilità tas-sistema finanzjarja:", għandhom jidħlu l-kliem "sistemi ta' *clearing* u ta' ħlas ta' titoli, u l-ħarsien tal-istabbilità tas-sistema finanzjarja, u għandha wkoll tikkomunika l-informazzjoni lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku taħt ir-Regolament (UE) Nru 1092/ 2010, meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għall-eżerċizzju tal-ħidmiet statutorji tagħha:".

Emenda tal-artikolu 25A tal-Att prinċipali.

64. L-artikolu 25A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "għandha tikkomunika b'inizjattiva tagħha nnifisha kull informazzjoni essenzjali." għandhom jidħlu l-kliem "għandha tikkomunika b'inizjattiva tagħha nnifisha kull informazzjoni essenzjali:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għal superviżjoni fuq bażi konsolidata, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati minn kumpanniji *holding* finanzjarji prinċipali mħallta tal-UE, hija għandha tipprovdi lill-awtoritajiet regolatorji barranin li jissorveljaw is-sussidjarji ta' dawn l-impriżi prinċipali kull informazzjoni rilevanti. Meta tkun qegħda tistabbilixxi l-limitu tal-informazzjoni rilevanti, għandha titqies l-importanza ta' dawk is-sussidjarji fi ħdan is-sistema finanzjarja fl-Istati Membri ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji barranin.";

(b) minflok il-paragrafu (i) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(i) l-identifikazzjoni tal-istruttura ġuridika u l-governanza u l-istruttura organizzattiva tal-grupp, inklużi l-entitajiet regolati kollha, sussidjarji mhux regolati u fergħat sinifikanti li jappartjenu lill-grupp, l-impriżi prinċipali, skont l-artikoli 7(1)(d) u 17B tal-Att u l-Artikolu 73(3) tad-Direttiva dwar Ħtiġiet Kapitali;";

(ċ) is-subartikoli (6) sa (12) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (7) sa (13)

rispettivament;

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) (a) L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mal-EBA għall-finijiet tad-Direttiva dwar Ħtiġiet Kapitali, kif hemm fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u għandha tipprovdi lill-EBA kull informazzjoni meħtieġa biex twettaq dmirijietha taħt id-Direttiva dwar Ħtiġiet Kapitali u skont l-Artikolu 35 tal-imsemmi Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(b) L-awtorità kompetenti tista' tirreferi lill-EBA sitwazzjonijiet meta:

(i) awtorità regolatorja barranija ma tkunx wasslet informazzjoni essenzjali; jew

(ii) talba għal kooperazzjoni, partikolarment għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, tkun ġiet miċħuda jew ma jkun sar xejn dwarha fi żmien raġonevoli.";

(e) fis-subartikolu (7) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "L-awtorità kompetenti tista', permezz ta' ftehim bilaterali, tiddelega r-responsabbiltajiet tagħha", għandhom jidħlu l-kliem "L-awtorità kompetenti tista', permezz ta' ftehim bilaterali, kif hemm fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tiddelega r-responsabbiltà tagħha", u minflok il-kliem "Il-Kummissjoni għandha tinżamm mgħarrfa bl-eżistenza u l-kontenut ta' kull ftehim bħal dak.", għandhom jidħlu l-kliem "L-EBA għandha tinżamm mgħarrfa bl-eżistenza u l-kontenut ta' kull ftehim bħal dak."; u

(f) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (11) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "u kompatibilità mal-liġi Komunitarja Ewropea,", għandhom jidħlu l-kliem "u kompatibilità mal-Liġi tal-Unjoni Ewropea,".

Emenda tal-artikolu 25B tal-Att prinċipali.

65. L-artikolu 25B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "u istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati minn kumpanniji *holding* finanzjarji prinċipali tal-UE, hija għandha twettaq dawn il-funzjonijiet li ġejjin:" għandhom jidħlu l-kliem "u istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati minn kumpanniji *holding*

finanzjarji prinċipali tal-UE jew minn kumpanniji *holding* finanzjarji prinċipali mħallta, hija għandha twettaq dawn il-funzjonijiet li ġejjin:";

(b) is-subartikoli (2) sa (7) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) sa (8) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta, dwar l-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, awtorità regolatorja barranija ma tikkooperax mal-awtorità kompetenti daqstant daqs kemm ikun meħtieġ fit-twettiq tal-funzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-EBA, li tista' taġixxi skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(d) minflok is-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(5) L-awtorità kompetenti fir-rwol tagħha bħala superviżur konsolidatur għandha, bla ħsara għall-artikolu 25, twissi malajr kemm jista' jkun prattiku lill-EBA, lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku, lill-banek ċentrali fis-sistema ta' banek ċentrali Ewropej, u lil dawk id-dipartimenti tal-gvern responsabbli għal liġijiet fuq is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fis-subartikolu (8) u għandha tikkomunika kull informazzjoni li tkun essenzjali għat-twettieq tal-ħidmiet tagħhom relattivi, meta jkun hemm xi sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluża sitwazzjoni kif imfissra fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, jew sitwazzjoni ta' żviluppi kuntrarji fis-swieq finanzjarji, li potenzjalment jipperikolaw il-likwidità fis-suq u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja f'xi Stat Membru meta jkunu ġew awtorizzati l-entitajiet ta' xi grupp jew meta jkun hemm stabbiliti fergħat sinifikanti.";

(e) fis-subartikolu (6) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem, "din għandha, malajr kemm jista' jkun prattiku, twissi lill-awtoritajiet regolatorji barranin msemmija fl-Artikoli 125 u 126 tad-Direttiva dwar Ħtiġiet Kapitali.", għandhom jidħlu l-kliem "din għandha, malajr kemm jista' jkun prattiku, twissi lill-awtoritajiet regolatorji barranin msemmija fl-Artikoli 125 u 126 tad-Direttiva dwar Ħtiġiet Kapitali u lill-

EBA."; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Meta l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata, din għandha tipprovdi lill-awtoritajiet regolatorji barranin involuti u lill-EBA kull informazzjoni dwar il-grupp bankarju skont l-artikoli 7(1)(d) u 17B tal-Att u l-Artikolu 73(3) tad-Direttiva dwar Ħtiġiet Kapitali, partikolarment dawk dwar l-istruttura ġuridika u l-governanza u l-istruttura organizzattiva tal-grupp.".

66. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 25Ċ tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "*holding company* b'attività mħallta jew is-sussidjarja tagħha li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor" għandhom jidħlu l-kliem "kumpannija *holding* b'attività mħallta, kumpannija *holding* finanzjarja mħallta, jew is-sussidjarja tagħha li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor". Emenda tal-artikolu 25Ċ tal-Att prinċipali.

TAQSIMA VI

EMENDI FL-ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI

67. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi fl-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji. Kap. 376.

68. Fit-test Ingliż tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "money laundering or terrorist financing", għandhom jidħlu l-kliem "money laundering or the funding of terrorism". Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

69. It-test Ingliż tal-artikolu 8A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 8A tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) of subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "money laundering and terrorist financing", għandhom jidħlu l-kliem "money laundering and the funding of terrorism"; u

(b) fil-proviso mas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "money laundering or terrorist financing", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "money laundering or the funding of terrorism".

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

70. Fil-paragrafu (g) tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 25A", għandhom jidħlu l-kliem "tal-artikolu 6(8)".

TAQSIMA VII

EMENDI FL-ATT DWAR IL-KUMPANNIJI

Emenda tal-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

71. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

72. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (iv) tiegħu, minflok il-kliem "jew li l-korrispettiv totali tal-offerta fil-Komunità ma jaqbiżx" għandhom jidħlu l-kliem "jew li l-korrispettiv totali tal-offerta fl-Unjoni Ewropea u fiż-ŻEE ma jaqbiżx";

(b) fis-subparagrafu (v) tiegħu, minflok il-kliem "il-korrispettiv totali tal-offerta fi Stat Membru jew Stat taż-ŻEE," għandhom jidħlu l-kliem "il-korrispettiv totali tal-offerta fl-Unjoni Ewropea u fiż-ŻEE,"; u

(ċ) fis-subparagrafu (vi) tiegħu, minflok il-kliem "il-korrispettiv totali tal-offerta fi Stat Membru jew Stat taż-ŻEE," għandhom jidħlu l-kliem "il-korrispettiv totali tal-offerta fl-Unjoni Ewropea u fiż-ŻEE,".

Żjieda tal-artikolu 3A ġdid mal-Att prinċipali.

73. Minnufih wara l-artikolu 3 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Strumenti tal-UE li jiġu trasposti u implimentati.

3A. Dan l-Att, f'parti minnu, għandu l-għan li jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-dispożizzjonijiet u l-ħtiġiet tad-Direttivi u Regolamenti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin, kif jistgħu jkunu emendati minn żmien għal żmien, inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni li kienu jew setgħu jinħarġu taħthom:

(a) Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat, dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata;

(ċ) Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati;

(d) Il-Ħdax-il Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-ħtiġiet ta' kxif dwar fergħat miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpannija regolata bil-liġi ta' Stat ieħor;

(e) Direttiva 2003/58/KE tal-15 ta' Lulju 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE, dwar il-ħtiġiet ta' kxif fir-rigward ta' ċerti tipi ta' kumpanniji;

(f) Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 fuq għaqdiet transkonfini ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata;

(g) Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE;

(h) Direttiva 2006/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 Settembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u l-manutenzjoni u l-alterazzjoni tal-kapital tagħhom;

(i) Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/855/KEE u 82/891/KEE fir-rigward tal-ħtieġa ta' rapport ta' espert indipendenti meta ssir xi għaqda jew id-diviżjoni ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata;

(j) Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinament ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u terzi, ikunu meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fit-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, bil-għan li dawn is-salvagwardji jsiru ekwivalenti;

(k) Direttiva 2009/102/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 fil-qasam tal-liġi tal-kumpanniji fuq kumpanniji privati b'responsabbiltà limitata li jkollhom membru wieħed;

(l) Direttiva 2009/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE, 78/855/KEE u 82/891/KEE, u d-Direttiva 2005/56/KE dwar ir-rappurtar u l-ħtiġiet ta' dokumentazzjoni fil-każ ta' għaqdiet u diviżjonijiet;

(m) Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar għaqdiet ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata;

(n) Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni tas-salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi tal-membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fil-kuntest tat-tifsir tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u l-manutenzjoni u bdil fil-kapital tagħhom, bil-ħsieb li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti;

(o) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85 tal-25 ta' Lulju 1985 dwar il-Grupp ta' Interess Ekonomiku Ewropew (EEIG);

(p) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal kumpannija Ewropea (SE);

li għandhom jiġu interpretati u applikati skont il-każ.".

Emenda tal-artikolu 66A tal-Att prinċipali.

74. L-artikolu 66A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu -

(i) minflok il-kliem "li jista' jkun maqsum f'azzjonijiet li fil-ftehim tal-assoċjazzjoni espressament tillimita l-għanijiet tagħha għall-investiment kollettiv tal-fondi tagħha f'sigurtajiet u f'beni oħra mobbli u immobbli, jew f'xi wħud minnhom, bil-għan li tifrex ir-riskju u li tagħti", għandhom jidħlu l-kliem "li jista' jkun jew jista' ma jkunx maqsum f'azzjonijiet, li fil-ftehim tal-assoċjazzjoni espressament tillimita l-għan tagħha jew għall-investiment kollettiv tal-fondi tagħha f'titoli u f'beni oħra mobbli u immobbli, jew f'xi wħud minnhom, bil-għan li tagħti"; u

(ii) minflok il-kliem "jew għal kull għan ieħor kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi b'regolamenti.", għandhom jidħlu l-kliem "jew inkella għal xi skop ieħor li jista' jiġi ordnat fl-Għaxar Skeda jew kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi

b'regolamenti.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata skont kif imfisser fis-subartikolu (1) tkun regolata bid-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Għaxar Skeda u b'kull regolamenti magħmulin mill-Ministru skont dan l-artikolu; id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, minbarra dan l-artikolu, m'għandhomx ikunu japplikaw għal xi soċjetà bħal dik ħlief u sakemm dawn isiru applikabbli b'mod espress permezz ta' dik l-Iskeda jew permezz ta' kull regolamenti bħal dawk."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għat-twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull dispożizzjoni tal-Għaxar Skeda, u jista', mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, jipprovdi b'dawk ir-regolamenti dwar kull ħaġa minn dawn li ġejjin -

(a) il-formuli u l-prospetti li għandhom jintużaw għall-finijiet tas-soċjetajiet in akkomandita jew soċjetajiet limitati fil-kuntest tas-subartikolu (1) għall-finijiet ta' dan l-Att jew dawk l-iskopijiet l-oħra li jistgħu jiġu ordnati fih;

(b) ir-reġistrazzjoni ta' dawk is-soċjetajiet in akkomandita jew soċjetajiet limitati taħt dan l-Att fil-kuntest tas-subartikolu (1) u kull ħaġa inċidentali għaliha;

(ċ) ir-*records* u l-kontijiet li għandhom jinżammu minn dawk is-soċjetajiet in akkomandita jew soċjetajiet limitati fil-kuntest tas-subartikolu (1) u kull ħaġa inċidentali għal dan;

(d) ordnijiet dwar drittijiet li jitħallsu taħt dan l-Att dwar dawk is-soċjetajiet in akkomandita jew soċjetajiet limitati fil-kuntest tas-subartikolu (1);

(e) l-eżenzjoni ta' soċjetajiet in akkomandita

jew soċjetajiet limitati skont kif imfisser fis-subartikolu (1) jew xi kategorija minnhom minn xi dispożizzjoni tal-Għaxar Skeda jew ta' dan l-Att li kieku kien ikun xort'oħra japplika għalihom, skont il-każ, bla ħsara għal dawk il-bidliet, varjazzjonijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati;

(f) kull ħaġ'oħra li għandha tiġi ordnata taħt dan l-Att jew l-Għaxar Skeda dwar dawk is-soċjetajiet in akkomandita jew soċjetajiet limitati fil-kuntest tas-subartikolu (1), jew kull ħaġ'oħra li tirregola aħjar id-dispożizzjonijiet tal-Għaxar Skeda dwar dawk is-soċjetajiet in akkomandita jew soċjetajiet limitati fil-kuntest tas-subartikolu (1) jew kull kategorija tagħhom.".

Emenda tal-artikolu 68 tal-Att prinċipali.

75. Fl-artikolu 68 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "jiġi sottoskritt minn tal-anqas tnejn min-nies, u ma jinħariġx ċertifikat ta' reġistrazzjoni dwarha." għandhom jidħlu l-kliem "ma jiġix sottoskritt minn tal-anqas tnejn min-nies, jew fil-każ ta' kumpannija magħmula minn membru wieħed kostitwita skont l-artikolu 212, minn dak il-membru wieħed, u ma jinħariġx ċertifikat ta' reġistrazzjoni dwarha.".

Emenda tal-artikolu 70 tal-Att prinċipali.

76. L-artikolu 70 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "p.l.c."." għandhom jidħlu l-kliem "jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "p.l.c.":" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-kumpannija pubblika tkun 'societas europaea' kif hemm fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 fuq Statut għal Kumpannija Ewropea, minflok il-kliem "*public limited company*" jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "p.l.c.", qabel l-isem tal-kumpannija pubblika jew warajh għandu jkun hemm l-abbrevjazzjoni "SE".";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "il-kliem "*investment company with fixed share capital*" jista' jintuża l-kliem "*investment company*" "INVCO" ", għandhom jidħlu l-kliem "il-kliem "*investment company with fixed share capital*" tista' tintuża t-taqsira "INVCO" ";

(ċ) fit-tieni proviso mas-subartikolu (4) tiegħu, minflok

il-kliem "ir-Reġistratur għandu jagħti każ tan-negozju jew in-negozju propost tal-kumpannija, tal-protezzjoni ta' ismijiet ta' ndividwi", għandhom jidħlu l-kliem "ir-Reġistratur għandu jagħti każ, fost affarijiet oħra, tan-negozju jew tan-negozju propost tal-kumpannija, tal-protezzjoni ta' ismijiet ta' persuni"; u

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "taħt isem jew titolu li jispiċċa bil-kliem "*investment company with fixed share capital*", "*investment company*" jew "INVCO" jew tqassir jew imitazzjoni tagħhom", għandhom jidħlu l-kliem "taħt isem jew titolu li jkun fih il-kliem "*investment company with fixed share capital*" jew "INVCO" jew tqassir jew imitazzjoni tagħhom"; u

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "taħt isem jew titolu li jispiċċa bil-kliem", għandhom jidħlu l-kliem "taħt isem jew titolu li jkun fih il-kliem".

Emenda tal-artikolu 82 tal-Att prinċipali.

77. Fil-proviso li hemm mas-subartikolu (2) tal-artikolu 82 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "jistgħu, flimkien mal-metodu ta' awtentikazzjoni mniżżel fis-subartikolu (1), jiġu awtentikati minn individwu speċifikament awtorizzat għal dan l-għan permezz ta' memorandum,", għandhom jidħlu l-kliem "jistgħu jiġu awtentikati minn direttur, mis-segretarju tal-kumpannija, minn uffiċjal awtorizzat tal-kumpannija jew minn individwu speċifikament awtorizzat għal dak l-għan b'memorandum,".

Emenda tal-artikolu 85 tal-Att prinċipali.

78. L-artikolu 85 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-memorandum jew l-istatut, jew riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija tista' tippermetti jew li:

(a) il-bord tad-diretturi joħroġ ishma sa dak l-ammont massimu li jista' jiġi speċifikat f'dak il-memorandum jew statut, jew riżoluzzjoni straordinarja, hekk li l-permess ikun għal perjodu massimu ta' ħames snin, li jiġġedded b'riżoluzzjoni ordinarja għal perjodi massimi oħra ta' ħames snin kull wieħed; jew li

(b) il-laqgħa ġenerali tawtorizza

b'riżoluzzjoni ordinarja lill-bord tad-diretturi joħroġ ishma sa dak l-ammont massimu li jista' jiġi speċifikat f'dak il-memorandum jew statut, jew f'dik ir-riżoluzzjoni straordinarja, hekk li l-permess ikun għal perjodu massimu ta' ħames snin, li jiġġeddu b'riżoluzzjoni ordinarja għal perjodi massimi oħra ta' ħames snin kull wieħed.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar, u s-subartikoli (3), (4), (5) u (6) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3), (4) u (5) rispettivament;

(ċ) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Meta jkun hemm diversi klassijiet ta' azzjonijiet, kull riżoluzzjoni minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun soġġetta għal vot separat għal kull klassi ta' azzjonisti li l-jeddijiet tagħhom jintlaqtu b'dik ir-riżoluzzjoni, u d-dispożizzjonijiet dwar il-maġġoranza meħtieġa għar-riżoluzzjoni għandhom ikunu japplikaw għal kull klassi.";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3)", għandhom jidħlu l-kliem "imsemmija fis-subartikoli (1) u (2)";

(e) fis-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (1) sa (4)", għandhom jidħlu l-kliem "Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (1) sa (3)"; u

(f) minflok is-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Meta żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ ma titteħidx kollha, dak il-ħruġ għandu jitqies bħala li ma kellux seħħ:

Iżda jekk il-kondizzjonijiet tal-ħruġ ikunu hekk jipprovdu, il-kapital azzjonarju maħruġ għandu jiżdied bl-ammont tas-sottoskrizzjonijiet li jkunu daħlu.".

Emenda tal-artikolu 89 tal-Att prinċipali.

79. Fit-tieni proviso mal-artikolu 89 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Iżda wkoll il-paragrafu (e) għandu jkun japplika wkoll għal kumpannija b'responsabbiltà limitata mwaqqfa barra mill-Komunità li jkollha s-sigurtajiet tagħha mqegħda", għandhom jidħlu l-kliem "Iżda wkoll il-paragrafu (e) għandu jkun japplika wkoll għal

kumpannija mwaqqfa barra mill-Unjoni Ewropea u ż-żona ŻEE li jkollha s-sigurtajiet tagħha mqegħda".

Emenda tal-artikolu 106 tal-Att prinċipali.

80. Fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 106 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "ma għandux ikun iżjed minn għaxra fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ;", għandhom jidħlu l-kliem "ma għandux ikun iżjed minn ħamsin fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ;".

Emenda tal-artikolu 107 tal-Att prinċipali.

81. Fil-proviso mas-subartikolu (3) tal-artikolu 107 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "ma jista' jsir mill-kumpannija matul dan iż-żmien.", għandhom jidħlu l-kliem "ma jista' jsir mill-kumpannija matul dan iż-żmien:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll dan is-subartikolu ma għandux japplika meta l-kumpannija tkun kisbet l-azzjonijiet xort'oħra milli għal korrispettiv ta' valur.".

Emenda tal-artikolu 182 tal-Att prinċipali.

82. L-ewwel proviso tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 182 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda għall-iskop li jiġi stabbilit jekk kumpannija tkunx tiġġestixxi xi negozju jew ikollhiex xi interess kummerċjali barra minn Malta kif imsemmi hawn qabel, l-interessi jew *holdings* miżmuma fil-kumpannija msemmija f'dan is-subartikolu, u d-dħul derivat minnhom, għandhom jitqiesu, għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, bħala li jikkostitwixxu interessi kummerċjali barra minn Malta:".

Emenda tal-artikolu 183 tal-Att prinċipali.

83. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 183 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "preskritt bl-artikolu 182." għandhom jidħlu l-kliem "preskritt bl-artikolu 182. Meta kopja tal-kontijiet annwali, ir-rapport tal-awdituri u r-rapport tad-diretturi jiġu konsenjati lir-Reġistratur b'xi mezz elettroniku, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tal-artikoli 176(3), 178(3) u 179(6), dik il-kopja elettronika għandha tiġi awtentikata skont l-artikolu 82.".

Emenda tal-artikolu 184 tal-Att prinċipali.

84. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 184 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "b'xi mezz elettroniku, flimkien mal-mod ta' kif jiġi ffirmat hekk kif imniżżel f'dan is-subartikolu, dak il-prospett annwali jista' jiġi wkoll iffirmat minn individwu speċifikament awtorizzat" għandhom jidħlu l-kliem "b'xi mezz elettroniku jista' jiġi ffirmat minn direttur wieħed jew mis-segretarju tal-kumpannija jew minn individwu speċifikament awtorizzat".

Emenda tal-artikolu 187 tal-Att prinċipali.

85. L-artikolu 187 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-*middle rate* uffiċjali ta' għeluq dak il-jum maħruġ mill-Bank Ċentral ta' Malta.", għandhom jidħlu l-kliem "ir-rata ta' kambju medjana ta' referenza euro uffiċjali pubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, jew ir-rata ta' kambju medjana indikattiva pubblikata mill-Bank Ċentrali ta' Malta, kif ikun il-każ, għal dik id-data."; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "il-*middle rate* uffiċjali ta' għeluq dak il-jum maħruġ mill-Bank Ċentral ta' Malta.", għandhom jidħlu l-kliem "ir-rata ta' kambju medjana ta' referenza euro uffiċjali pubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, jew ir-rata ta' kambju medjana indikattiva pubblikata mill-Bank Ċentrali ta' Malta, kif ikun il-każ.".

Emenda tal-artikolu 210 tal-Att prinċipali.

86. Fil-proviso mal-artikolu 210 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "jew inkella tkun maħsuba sabiex ma tagħtix lill-awdituri l-jeddijiet li huma għandhom permezz tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 155", għandhom jidħlu l-kliem "jew inkella tkun maħsuba sabiex ma tagħtix lill-awdituri l-jeddijiet li jattendu u li jinstemgħu f'kull laqgħa ġenerali tal-kumpannija f'kull parti tax-xogħol tal-laqgħa li tolqothom bħala awdituri".

Emenda tal-artikolu 212 tal-Att prinċipali.

87. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 212 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-attività tal-kummerċ ewlenija" għandhom jidħlu l-kliem "l-attività ewlenija tagħha".

Emenda tal-artikolu 225 tal-Att prinċipali.

88. L-artikolu 225 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Il-Ministru għandu jaħtar lil xi individwu biex ikun ir-riċevitur uffiċjali" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għandu jaħtar lil xi uffiċjal anzjan ta' dik l-Awtorità biex ikun ir-riċevitur uffiċjali";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ir-riċevitur uffiċjali jista' jawtorizza bil-miktub lil xi individwu biex iwettaq kull funzjoni assenjata lir-riċevitur uffiċjali taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att jew f'kull liġi oħra, ir-riċevitur uffiċjali u kull individwu ieħor awtorizzat skont is-subartikolu (2), għandhom ikunu eżenti minn kull responsabbiltà personali li tkun, inkluża kull responsabbiltà bħala danni għal xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir fit-twettiq jew f'dak it-twettiq li suppost isir ta' xi funzjoni taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra, jew inkella fl-eżerċizzju ta' dawk id-dmirijiet uffiċjali, sakemm l-att jew l-ommissjoni ma jidhrux li jkunu saru jew naqsu milli jsiru, skont il-każ, *in mala fede*.".

Emenda tal-artikolu 229 tal-Att prinċipali.

89. L-artikolu 229 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Ir-riċevitur uffiċjali, bis-saħħa tal-kariga tiegħu u wara li jiġi notifikat mill-Qorti, isir l-istralċjarju tal-kumpannija u jkompli fil-kariga sakemm persuna oħra ssir stralċjarju taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu, u għandha tkun, wara li tiġi notifikata mill-Qorti, l-istralċjarju matul kull vakanza."; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Ir-riċevitur uffiċjali għandu, fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta jiġi notifikat mill-Qorti, jikkonsenja kopja awtentikata ta' dik in-notifika lir-Registratur għar-reġistrazzjoni.".

Emenda tal-artikolu 236 tal-Att prinċipali.

90. Minflok is-subartikolu (2) tal-artikolu 236 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ir-riċevitur uffiċjali u kull persuna maħtura bħala stralċjarju mill-Qorti għandhom jitħallsu mill-attiv tal-kumpannija jew xort'oħra, u fuq dik il-bażi li l-Qorti tista' tordna.".

Emenda tal-artikolu 241 tal-Att prinċipali.

91. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 241 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Jekk xi stralċjarju jżomm għal iktar minn għaxart ijiem somma li tkun iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)", għandhom jidħlu l-kliem "Jekk xi stralċjarju jżomm għal iktar minn għaxart ijiem, ħlief f'kont bankarju msemmi fis-subartikolu (1), somma li tkun iżjed minn ħames mitt euro (500)".

92. L-artikolu 258 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 258 tal-Att prinċipali

(a) fil-paragrafu (j) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ir-rimunerazzjoni tal-istralċjarju.", għandhom jidħlu l-kliem "ir-rimunerazzjoni tar-riċevitur uffiċjali u tal-istralċjarju."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2), "riċevitur uffiċjali" għandha tinkludi lil kull individwu awtorizzat skont l-artikolu 225(2).".

93. Is-subartikolu (4) tal-artikolu 374 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar. Emenda tal-artikolu 374 tal-Att prinċipali.

94. Fit-test Ingliż tas-subartikolu (1) tal-artikolu 400 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "acting on the advice of the competent authority under the Malta Financial Services Authority Act,", għandhom jidħlu l-kliem "acting on the advice of the Malta Financial Services Authority,". Emenda tal-artikolu 400 tal-Att prinċipali.

95. L-artikolu 425 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 425 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) is-subartikoli (7), (8) u (9) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (6), (7) u (8) rispettivament.

TAQSIMA VIII

EMENDI FL-ATT DWAR IL-KUMMERĊ TAL-ASSIGURAZZJONI

96. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi fl-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni. Kap. 403.

97. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4) u (5) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu

jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel regoli dwar l-assigurazzjoni hekk kif dawn jistgħu jkunu meħtieġa bil-għan li jiġu implimentati l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġin mill-Awtorità Ewropea dwar Pensjonijiet tal-Assigurazzjoni u tax-Xogħol, taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru. 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea dwar Pensjonijiet tal-Assigurazzjoni u tax-Xogħol) li temenda Deċiżjoni Nru. 716/2009/KE u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE, dwar miżuri interim għat-tħejjija tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KEC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 fuq il-bidu u l-prosegwiment tal-kummerċ ta' Assigurazzjoni u Riassigurazzjoni (Solvency II) (*recast*).".

Emenda tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali.

98. L-artikolu 64 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "inklużi l-kondizzjonijiet li taħthom l-attivitajiet ta' dawn l-i*special purposes vehicles* għandhom jiġu mmexxija.", għandhom jidħlu l-kliem "inklużi il-kondizzjonijiet li taħthom l-attivitajiet ta' *special purposes vehicles* bħal dawn għandhom jitmexxew. Kull regolamenti bħal dawk jistgħu jkunu jipprovdu għal eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, bla ħsara għal dak it-tibdil, varjazzjonijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fihom, u jistgħu b'mod partikolari jipprovdu li safejn xi dispożizzjonijiet tar-regolamenti jkunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra m'għandhomx, sal-limitu tal-inkonsistenza, ikunu japplikaw."; u

(b) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "jew kull miżura oħra simili għall-finijiet ta' dan l-Att.", għandhom jidħlu l-kliem "jew kull miżura oħra simili għall-finijiet ta' dan l-Att. Regolamenti bħal dawk magħmulin biex jittrasponu xi ħtieġa jew provvediment kif jistgħu joriġinaw taħt xi Direttiva, Regolament jew Deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea jew kull miżura oħra simili jistgħu jipprovdu dwar eżenzjonijiet minn xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, bla ħsara għal dawk it-tibdiliet, varjazzjonijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu

speċifikati fihom, u b'mod partikolari jistgħu jipprovdu li sakemm xi dispożizzjonijiet tar-regolamenti jkunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra m'għandhomx, sal-limitu tal-inkonsistenza, ikunu japplikaw.".

TAQSIMA IX

EMENDI FL-ATT DWAR IL-PREVENZJONI TA' ABBUŻ FIS-SWIEQ FINANZJARJI

Emendi fl-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji. Kap. 476.

99. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

100. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira "entità emittenti", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ESMA" tfisser l-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq mwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru. 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010;".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

101. L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "għal skop ta' twettiq tad-dmirijiet tagħha fl-investigazzjoni u kxif skond id-Direttiva dwar l-Abbuż fis-Suq,", għandhom jiżdiedu l-kliem, "inkluża talba mill-awtorità barranija għall-akkumpanjament ta' uffiċjali, impjegati jew aġenti oħra tal-awtorità kompetenti matul xi investigazzjoni,"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta talba għal informazzjoni, koordinazzjoni ta' sforzi jew xi għamla oħra ta' kollaborazzjoni, inkluża talba għall-akkumpanjament ta' uffiċjali tal-awtorità barranija matul xi investigazzjoni kif hemm fid-Direttiva dwar l-Abbuż fis-Suq, li ssir mill-awtorità kompetenti lil awtorità barranija skont dan l-artikolu ma jsir xejn dwarha fi żmien raġonevoli jew inkella tiġi miċħuda, l-awtorità kompetenti

tista' tirreferi dik iċ-ċaħda jew nuqqas ta' azzjoni lill-ESMA f'perjodu ta' żmien raġonevoli.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

102. Minnufih wara l-artikolu 20 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Kollaborazzjoni mal-ESMA.

20A. L-awtorità kompetenti għandha tikkollabora mal-ESMA għall-finijiet tad-Direttiva dwar l-Abbuż fis-Suq kif hemm fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010, u partikolarment għandha tibgħat lill-ESMA, mingħajr ebda dewmien, kull informazzjoni meħtieġa biex l-ESMA tkun tista' twettaq dmirijietha skont l-Artikolu 35 tal-imsemmi Regolament.".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

103. L-artikolu 22 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "Mal-konklużjoni ta' xi proċedimenti ta' appell skond l-artikolu 23, jew malli jiskadi t-terminu biex isir appell, l-awtorità kompetenti tista',", għandhom jidħlu l-kliem "L-awtorità kompetenti tista',";

(b) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6);

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Meta l-awtorità kompetenti tkun żvelat xi miżura amministrattiva jew sanzjoni lill-pubbliku skont is-subartikolu (3), hija għandha fl-istess ħin tirrapporta dak il-fatt lill-ESMA."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) L-awtorità kompetenti għandha ta' kull sena tipprovdi lill-ESMA informazzjoni aggregata dwar kull miżura amministrattiva u sanzjoni imposta skont dan l-Att u kull regolament li japplika magħmul taħt dan l-Att.".

TAQSIMA X

EMENDI FL-ATT DWAR IS-*SECURITISATION*

Emendi fl-Att dwar is-Securitisation. Kap. 484.

104. Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-*Securitisation*, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

105. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "meħuda mill-mezz tas-*securitisation*, il-mezz tas-*securitisation* m’għandu" għandhom jidħlu l-kliem "meħuda mill-mezz tas-*securitisation*, imma mingħajr preġudizzju għall-artikolu 5A, il-mezz tas-*securitisation* m’għandu";

(b) minflok il-kliem "l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni.", għandhom jidħlu l-kliem "l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u salv dak li hemm provdut fl-artikolu 5A. l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni.", u

(ċ) il-proviso li hemm miegħu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

Kap. 123. Kap. 372.

"Iżda ebda ħaġa li tinsab f’dan l-artikolu m’għandha taffettwa xi dispożizzjoni tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.";

Żjieda ta’ artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

106. Minnufih wara l-artikolu 5 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Meta dan l-Att ma japplikax. Kap. 403.

5A. Kemm-il darba ma jiġix provdut xort’oħra fl-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni jew f’regolamenti maħruġin taħtu, id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att m’għandhomx japplikaw għal mezz għal għan speċifiku tar-riassigurazzjoni mwaqqaf u regolat b’regolamenti maħruġin taħt l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni skont l-artikolu 64 ta’ dak l-Att:

Kap. 123.
Kap. 372.

Iżda ebda ħaġa li tinsab f'dan l-artikolu m'għandha tolqot xi dispożizzjoni tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa dwar dawk il-mezzi ta' *securitisation*.".

TAQSIMA XI

EMENDI GĦALL-ATT DWAR PENSJONIJIET TAL-IRTIRAR

Emendi għall-Att dwar Pensjonijiet tal-Irtirar. Kap. 514.

107. (1) Din it-taqsima temenda u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Pensjonijiet tal-Irtirar, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru għall-Finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti tiegħu.

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

108. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, minflok il-kliem "impjegat mill-prinċipal.", għandhom jidħlu l-kliem "impjegat mill-prinċipal:"; u

(b) minnufih wara s-subparagrafu (ii) tiegħu, kif emendat, għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda skema jew arranġament deskritti fil-paragrafu (a) jistgħu, b'avviż bil-miktub li jingħata lill-awtorità kompetenti, ikunu jgħoddu biex jiġu ikkunsidrati bħala skema għall-għanijiet ta' dan l-Att.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 103 tas-16 ta' Diċembru, 2013.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati